**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 520/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**-vs-**

**Charlton Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 409293M**

**Illum**: 15 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Charlton Spiteri u cioe` talli:

Fil-05 ta' Awwissu, 2018, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar u/jew xi ħinijiet oħra, ġewwa Fatima Ward 3 li tinsab ġewwa il-konfini tar-Residenza San Vinċenz De Paul, Triq l-Ingiered, Luqa:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuele Axiak hekk kif iċċertifkat minn Dr. Sarah Debattista (Reġ. 3945), li huwa wkoll persuna tal-fuq minn sittin sena u/jew ibati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew, bi ksur tal-Artikoli 216 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-istess ċirkostanzi ħebb għal Emmanuel Axiak sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien jaf jew kien messu kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi, fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel jew ippermetta li xi persuna anzjana, jew adult dipendenti jsofri, jew jgib fuq dawk il-persuni ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement gieghel jew ippermetta li l-persuna jew is-sahha ta' persuna anzjana jew adult dipendenti issirilhom hsara, jew xjentement gieghel jew ipermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqieghdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghhom tkun fil-periklu bi ksur tal-Artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta` ta' Emmanuele Axiak u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   F'każ illi ssib il-ħtija il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tapplika l-Artikolu 412C sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-istess Emmanuel Axiak.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata t-23 t'April, 2019, permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, u propju wara it-tieni seduta, gie nieqes Emmanuele Axiaq u dan b'konsegwenza ta' *severe pneumonia*.[2] Mic-certifikat tal-mewt esebit jirrizulta li miet fit-23 t'Ottubru, 2018, fl-eta` ta' 78 sena.[3] Gie esebit ukoll ic-certifikat tat-twelid tieghu.[4]
Ghalhekk gie pruvat li fil-5 ta' Awissu, 2018, id-data tal-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri, Emmanuele (maghruf bhala Leli) Axiaq kellu **78 sena**. Hu miet <u>xahrejn u nofs</u> wara.

[1] Fol.217
[2] **Dok.MX1** a fol.140
[3] Vide Certifikat tal-Mewt **Dok.MX** a fol.139
[4] Dok.SP1 a fol.18

Dwar il-kawza tal-mewt xehed **Dr. Christian Vassallo** li spjega li fic-certifikat tal-mewt niżżel *subarachnoid haemorrage* peress li fis-sajf ta' qabel, il-pazjent kellu *bleed* go rasu li tista' thallik b'ċertu dizabilita newroloġiku, liema *bleed* setghet giet kawzata meta wiehed isofri *trauma*.[5]

Din id-dikjarazzjoni tassumi aktar rilevanza meta jitqies dak li xehdet Dr. Sara Debattista dwar in-natura tal-griehi mgarrba minn Axiaq, kif ukoll meta tigi kkunsidrata t-testimonjanza ta' Dr. Mario Scerri, meta gie riprodott fuq ordni ta' din il-Qorti.

L-investigazzjoni

**L-Ispettur Sean Pawney**[6] spjega kif il-pulizija gew informati li fil-5 ta' Awwissu, 2018, ghall-ħabta tas-6 ta' filgħaxija, anzjan residenti l-Isptar San Vinċenz De Paul, ittiehed l-emerġenza ġewwa Mater Dei minħabba ġrieħi li ġarrab f'wiċċu. L-anzjan kellu problemi biex jitkellem kif ukoll kellu problemi ta' mobilità kaġun tal-fatt li kien pupletku. Axiak, fil-presenza ta' uliedu, identifika lil Charlton Spiteri bħala l-persuna li kkawżatlu l-ġrieħi b'daqqiet ta' ponn. Dawn il-griehi ġew iċċertifikati minn Dr. Sara Debattista bhala ta' natura gravi. L-imputat l-ewwel gie mitkellem mis-surgent u l-ghada ttiehdet stqarrija tieghu.[7] In kontro-ezami Pawney jghid li kellem lil Emmanuele Axiaq tlett darbiet. Sar jaf bil-verzjoni li taha Tony Sant minghand Dr. Fiorentino li dan Sant kien stqarr ma xi nies dak li kien ra hu stess.[8]

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kienu xi 1:15pm meta ghen persuna f'*wheelchair: "Jien dak il-(ħin) rajt lil anzjan Emmanuel Axiak jiżżerżaq minn fuq is-sodda, jiena dak il-ħin għajjat lill kollega tiegħi Rafel Ronei biex nirranġawh fuq is-sodda imbagħad għidtlu biex jien intellgħalu l-ġenb tas-sodda, allura mort inġib bed table biex, jekk dan ikun qed jaqa' jkollu ma xhiex iżomm, peress li rajtu qed jiżżerżaq. Aħna rranġajnieh fuq is-sodda u jien għidtlu li sejjer inkompli nirranġah jien. Waqt li kont sejjer inġib il-bed table laħaq dahar biex jipprova jiżżerżaq, jien dak il-ħin* ***daħħalt idi biex inżommu milli jiżżerżaq u tellajt is-side tas-sodda u dak il-ħin jista jkun li lqattu xi naqra peress li ħasadni. Peress li huwa daqxejn big boy dħalt naqa b'saħħtu[i] biex ilqajtu****."*[9] Mistoqsi imbagħad jekk ħaseb li laqtu u weġġħu huwa wieġeb, *"Jista' jkun* ***lqattu b'idi jew li ħabat mal-ħadida****, jien anke iċċekkjajtlu wiċċu u dak il-ħin ma kien jidher li hemm xejn."*[10]

---

[5] Fol. 141
[6] Fol.12
[7] Ibid.
[8] Fol.225
[9] **Dok.SP3** a fol.21
[10] Ibid.

Wara li ttiehdet l-istqarrija ta' Charlton Spiteri, Pawney rega' kellem lil Axiaq. Jiddeskrivi kif Axiaq *"Baqa' jigifieri jaghmel is-sinjali li bil-ponn, kien emozzjonali hafna, beda' jibki, baqa' jigifieri, jien pruvajt nghidlu isma, zgur inti imma li sawtek mhux laqtek forsi u dan? U baqa' bl-istess risposta speci. Issa fid-9 tax-xahar jien ircevejt informazzjoni minghand is-Supretendent tal-Isptar tar-residenza San Vincenz De Paule li certu Toni Sant li seta' kien xhieda okulari ta' dak li gara. Jien mort fis-sala 3, Fatima Ward, ...... fejn dan lili qalli lil Charlton Spiteri isawwat lis-Sur Axiaq u anke intervjena vokalment u anke speci qallu hallih, ieqaf, dejjem skond kif qalli hu. Issa dakinhar tal-incident, il-Pulizija tkellmet ukoll mas-Sur Noel Sharples li huwa n-Nursing Officer in charge tas-sala u spjega kif Jesmond Borg fis-saghtejn u nofs induna li s-Sur Axiaq kellu dawn it-tbengil f'wiccu li ovvjament hadd ma kien avza sa dak il-hin li kellu t-tali problema u minhabba hekk ovvjament is-Sur Axiaq gie mehud, gie referut l-isptar Mater Dei, biex isiru l-accertamenti mehtiega.".* [11] Riprodott in kontro-ezami jghid li kien Dr. Fiorentino, Supretendent tal-Isptar, li nfurmah li Toni Sant tkellem ma xi persuni u qalilhom b'dak li kien ra; dan sehh xi jiem wara l-kaz.[12]

Gew esebiti ritratti li ttiehdu mill-Ispettur u li fihom fuq in-naha tax-xellug tal-wicc jidhru tbengil sostanzjali konsistenti fi *black eye* (taht l-ghajn) u bejn l-imnieher u l-halq (*lower left cheek*). Fuq l-ghajn il-leminija hemm *black eye* ohra.[13]

Gie esebit il-**Current Incident Report**[14] fejn fih jinghad kif malli sar rapport fl-4pm li fl-isptar Mater Dei iddahhal anzjan bi griehi f'wiccu, il-pulizija marret fuq il-post u tkellmet ma Axiaq fil-presenza ta' wliedu. Axiaq wera b'sinjali li l-aggressur tieghu kien *carer* u kien liebes ilbies abjad. *"Meta uliedu Jason u Pierre* ***saqsewh jekk kienx xi wiehed Charlton li huwa carer fl-imsemmija ward Emanuel ghamel sinjal ta' iva b'rasu u infaqa jibki.".*** [15] Noel Sharples stqarr mal-pulizija li meta kienu xi 2.30pm, Jesmond Sacco *nursing aid,* talbu jiccekja wicc Axiaq ghax kellu nefha. Kien waqt li qed ikellem lill-pulizija li Sharples ircieva telefonata minghand l-imputat. Spiteri gie mitkellem mill-pulizija fit-8pm u stqarr li *"għal ħabta tas-13:15 mar sabiex itella is-side tas-sodda ta' Emmanuel għaliex seta jaqa u qal* ***li huwa seta intlaqat jew b'idu jew bis-side tas-sodda****. Huwa żied jgħid li sema daqqa imma ħaseb li s-side tas-sodda seta ħabtet mal-komodina u qal li dak il-ħin iċċekkjalu wiċċu u ma ralu xejn. Charlton stqarr illi sabiex ma jaqax il-pazjent huwa daħal naqa bil-goff għax inħasad.".*[16]

[11] Fol.13
[12] Fol.225
[13] **Dok.SP5** a fol.26
[14] **Dok.SP4** a fol.22 et seq
[15] Fol.24
[16] Fol.25

**PC1287 Darren Calleja** kkonferma l-Current Incident Report w esebixxa kopja ohra tal-istess.[17] Dan ir-rapport sar minnu fuq notamenti tas-Surgent tieghu, PS1396.[18][19] It-telefonata minn Mater Dei saret fl-4pm.[20]

**PC 965 Maverick Camilleri** kien akkumpanja lil PS 1396 Mater Dei. Ressqu hdejn Axiaq *"Staqsejtu x'jismu u ghidtlu jekk bhal speci iva baxxi rasek u jekk le xejjirha l'hemm u l'hawn. U ghidtlu jismek Emanuel Axiaq qalli iwa, ghidtlu ha nsaqsik fuq x'hiex x'gara dakinhar gewwa San Vincenz, Fatima Ward 3 u fehmni, ghamili sinjal li fehmni. Wara ftit ghidtlu tawk xi daqqiet?* ***Qalli iwa, ghamili sinjal li tawh xi daqqiet.*** *Ghidtlu taf min? Ghamili iwa. Ghidtlu x'kienu lebsin? Ghidtlu kien liebes l-ahdar? Ghamili sinjal li le. Ghidtlu kien liebes il-blu? Ghamili sinjal li le. Wara ftit ghidtlu* ***kien liebes l-abjad? Qalli iwa.*** *Umbaghad kien hemm it-tfal tieghu gibduni mal-genb qaluli isma` ara ha ntuk naqra ismijiet ta' Carers qalli u semmihomlu.* ***U qalli tani isem Charlton....Fost ohrajn. U malli staqsejtu Charlton dan l-anzjan emozzjona ruhu u nfaqqa` jibki. Umbaghad staqsejtu hu u beda jaghmel sinjal iwa u kompla jibki."***[21] Komplew bl-investigazzjonijiet San Vincenz u wara li akkwistaw id-dettalji tal-imputat, talbuh jinzel l-ghassa fejn taha l-verzjoni tieghu.[22]

**PS1396 Sergio Farrugia** ikkorrobora x-xhieda ta' PC965 f'dak li għandu x'jaqsam dwar l-investigazzjonijiet tal-pulizija u senjatment il-mistoqsijiet li saru lil Axiaq minn PC965 li *"beda jkellmu u jirrispondih bil-movimenti ta' rasu jaghmilu iva jaghmilu hekk u jaghmilu le. U staqsih certu mistoqsijiet PC965 li rrizulta li kien dan il-persuna kien certu Charlton Spiteri..... beda jsaqsih x'kien liebes jekk hux liebes l-ahdar jew abjad jew il-blu. Jekk ikunx Nurse, Carer jew Cleaner u jaghmel movimenti b'rasu….* ***it-tifel tieghu qallu mhux certu Charlton Spiteri u l-anzjan infaqqa` jibki.".***[23] Ikompli li l-anzjan **kif sema l-isem Charlton** ***"beda jbaxxi rasu jigifieri iva…[nodding]…ehe".*** **Meta bdew jistaqsuh dwar l-ilbies differenti beda jghid le u ma kienx qed jibki, izda kif sema' isem Charlton *"Infaqa' jibki".***[24]

**Mark Grech**, *human resources manager* ma Support Services Ltd., xehed li l-imputat kien impjegat maghhom sa mill-2015. Kien qed isservi f'San Vincenz. It-*time sheet* turi li dakinhar tal-5 t'Awissu, 2018 kien hadem mill-7am-7pm.[25]

---

[17] **Dok.DC** a fol. 73 et seq.
[18] Fol.70
[19] Fol.73
[20] Fol.71
[21] Fol.77-78
[22] Fol.79
[23] Fol.81-82
[24] Fol.82-83
[25] **Dok.MG** a fol.192 et seq

Xhieda mill-Isptar San Vincenz

**Noel Sharples**, *charge nurse*, xehed li kienu xi 2pm-2.30pm meta Jesmond Sacco, *nursing aid* li kien qed iqassam it-te`, nfurmah li Axiaq kellu dabbra fuq wiccu fuq in-naha tax-xellug, *"dabra fuq ic-cheek"* [26]. Kif raha, informa lill-*manager* u dik cemplet ghat-tabib. **F'dik il-gurnata xoghol f'dik is-sala kien hemm l-imputat li *"Nafu bil-lehja"*.** Spiteri kien xoghol mis-7am sas-7pm izda hareg siegha *time off in lieu*.[27] It-tabiba li kienet *on call* ezaminat lil Axiaq u qaltlu li ahjar jittiehed Mater Dei. F'xi hin mar bin Axiaq u beda jistaqsieh x'ghamlulu lill-missieru *"Qalli tawh xi daqqa...kien irrabjat hafna"*. [28] Lil Axiaq ralu *"dabra fuq haddejh, fuq ix-xellug"* u muri r-ritratti **PA** u **PA1** jghid li meta raha hu, id-dabra kienet zghira. Kien hu li staqsa lil Axiaq jekk kienx migugh, jekk laqathiex jew jekk xi hadd tah xi daqqa, izda lilu ma qallu xejn, ***"le ma semma xejn"***.[29]Ikompli kif Axiaq kellu htiega ta' *electric bed*. Zvantagg ta' din it-tip ta' sodda hu li s-*side railing* taghha ma jestendix minn tarf sa tarf, qeghda aktar l-isfel mir-ras. Biex tahbat il-wicc maghha trid tintlewa (*bend over*), *"tibbendja ehe"*. Axiaq kien pupletku fuq in-naha tax-xellug, kien bniedem nervuz u *restless* hafna drabi fis-sodda *"Gieli kemm il-darba pprova jinzel minn gos-sodda hu, mhux hu biss"*.[30]

Din id-dikjarazzjoni tigi kontradetta minn Raphael Ronayne li jghid li kienet l-ewwel darba li Axiaq ma riedx jibqa' fis-sodda![31] Anke Sacco jsemmi kif is-soltu Axiaq kien ikun rieqed izda din id-darba deher nervuz w eccitat.[32]

Peress li kien jiehu *anti-coagulant tablets* kien ikun hemm aktar *bleeding*. Riprodott jikkonferma li Axiaq kien rikoverat f'sodda bhal ma tidher fir-ritratti esebiti mill-ufficjal prosekutur.[33] Ir-*railings* jitilghu w jinzlu b'mod manwali.[34] Faccata tieghu kien hemm tlett pazjenti ohra fosthom Anthony Sant, ix-xhud okulari. [35]

**Jesmond Sacco**, *nursing aid,* xehed li kienu xi 1.45pm-2.15pm tal-5 t'Awissu, 2018, meta dahal Fatima Ward biex iqassam it-te`.[36] Kif wasal fuq Axiaq *"rajt*

---

[26] Fol.163
[27] Fol.164
[28] Ibid.
[29] Fol.167
[30] Fol.168
[31] Fol.54: *"beda jirrabja li ried bilfors jinzel, issa dan qatt ma ghamilha din il-bicca xoghol, dakinhar ried jinzel, issa jew ghax forsi ra lil Spiru, jew, ma nafx"*.
[32] Fol.182
[33] Fol.211
[34] Fol.222
[35] Fol.221
[36] Fol.181

*wiccu ahmar"* fuq in-naha tax-xellug. Staqsieh x'kien gralu u ghalkemm ma wiegbux, fis-sens li ma urieh xejn permezz ta' sinjali, induna li *"kien nervuz ma kienx bhas-soltu....ma kienx rieqed bhal ma jkun is-soltu, kien iktar nervuz mis-soltu, ghalija kien ecitat"*. Informa b'dan lil Noel Shaples.[37] Fil-kamra ma Axiaq kien hemm Anthony Sant u xoghol minbarra Spiteri kien hemm Sharples, Ronayne u Mario Sciberras.[38]

**Raphael Ronayne**, *nursing aid* f'Fatima Ward, iddeskriva kif waqt li kien fuq *shift one* flimkien mal-imputat ghall-habta tas-1.00pm,[39] Spiteri lemah pazjent li nizel mis-sodda w huma marru jtellawh. Kien l-istess imputat li nduna li Axiaq kien nizel mis-sodda u marru jtellawh ukoll. Wara li ghen lill-imputat biex jittella' Axiaq fuq is-sodda, halla lil Charlton wahdu ma Axiaq u dan irritorna hdejh ftit tal-hin wara.[40] Jikkalkula li wara xi 4 minuti Charlton mar lura hdejh.[41] Axiaq kien irrabbja ghax ried jinzel mis-sodda. Xi 2pm Jesmond Sacco induna li pazjent kellu ghajnejh minfuha.[42]

**Il-hadid tas-soddod ma kienux imnizzla u Charlton ma semma xejn dwar li ried igib komodina![43]** Din id-dikjarazzjoni hi wahda importanti hafna in vista ta' dak li stqarr Charlton mal-Pulizija fl-interrogazzjoni minn tieghu kif ser jintwera aktar il-quddiem!

Izid *"Kull ma qallu Charlton, qallu Leli tippruvax tinzel ghax ahna ser nehlu jekk jigrilek xi haga u daqshekk, issa forsi dak il-hin ghajjat ftit jiena forsi nghajtu minnha ahna, imma dak il-hin inkunu qeghdin ghassa taghhom biex zgur ma jwegghux dawn il-pazjenti"*. Meta mar lura hdejh deher normali *"qalli nispera ma jergax jigri xi haga ohra"*.[44] Quddiemu Spiteri gab ruhu sew, ma ra l-ebda sinjali li juru li refa' jdejh.[45] Sakemm ingibdet l-attenzjoni taghhom ghall-griehi ta' Axiaq minn Sacco, ma ndunaw b'xejn.[46] Meta marru jaraw x'gara nnota *"tbengila zghira...imma kienet qeghda tikber"*.[47] Muri r-ritratt **DOK.PA** a fol.31 jghid li t-tbengila kienet izghar izda bdiet tikber ghax jiehu l-insulina.[48] Ronayne issemmi dettal li jixhed dwaru wkoll Sant meta jghid li Axiaq *"beda jirrabja li ried bilfors jinzel, issa dan qatt ma ghamilha din il-bicca xoghol, dakinhar ried jinzel,*

---

[37] Fol.182
[38] Fol.183
[39] Fol.52
[40] Fol.53
[41] Fol.54
[42] Fol.54
[43] Fol.55
[44] Fol.56
[45] Fol.57-58
[46] Fol.58
[47] Fol.58
[48] Fol.59

*issa jew ghax forsi ra lil Spiru, jew, ma nafx".*[49] Ronayne ma jemminx li Charlton seta' ghamel agir simili ghalkemm jtenni li ma jistax jeskludih peress li ma kienx presenti.[50]

**Dr. Rachel Attard** giet msejjha biex tattendi lil Axiaq *"kellu swelling fuq il-left cheek u bruising taht ghajnejh u kellu bruising go hlaqu wkoll".* Kien jiehu *blood thinners.* Tpogga' *ice-pack* ma wiccu w iddecidiet li l-pazjent jintbghat Mater Dei. Meta staqsiet lill-*ward staff* dwar x'kien gara, irrizulta li hadd ma kien ra xejn.[51] Murija r-ritratti ta' Axiaq li ttiehdu waqt li kien fl-emergenza, tghid li l-*bruising* kien inqas milli jidher fir-ritratti. Meta intalbet tara l-pazjent lilha intqalilha li kienet sehhet waqa, *"fall".*[52] Pero` in-*nurses* u *carers* qalulha li ma kienu raw xejn, *"Ghax huma meta jaraw trauma jirrapurtawha bhala fall, dejjem hekk il-calls ikunu......sakemm ma jkunux rawha".* [53]

**Dr. Ronald Fiorentino**, supretendent mediku fl-Isptar San Vincenz, spjega kif inbdiet investigazzjoni dwar allegat abbuz t'anzjan.[54] Tenut kont li l-imputat ma kienx impjegat ta' San Vincenz, il-kuntrattur intalab sabiex l-imputat ma jibqax jintbghat hemm u hekk sar.[55]

Din id-dikjarazzjoni **takkwista sinifikat** meta jitqies kemm ghandha tinghata kreddibilita` lix-xhud okulari Anthony Sant.

Saret investigazzjoni interna wara li ngabru *statements.*[56] Wara nofsinhar kienet marret neputija ta' Axiaq li nfurmat il-*Customer Care* li nannuha safa' msawwat minn persuna li giet identifikata minnu.[57]

Dr. Fiorentino jkompli jixhed li bhala Sptar ma kellmu lil hadd mill-pazjenti biex jaraw x'kien sehh.[58] Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li investigazzjoni fejn tittiehed biss xhieda ta' membri tal-*staff*, u senjatament fejn persuna rikoverata ssofri griehi, hi limitatissima. F'dan il-kaz facilment setghet tittiehed il-verzjoni ta' pazjenti ohra li kienu fis-sala ma Axiaq bil-ghan li jinxtehet dawl fuq l-akkadut, fejn fil-kaz in dezamina rrizulta li kien hemm xhud okulari.

---

[49] Fol.54
[50] Fol.57
[51] Fol.185
[52] Fol.186
[53] Fol.187
[54] Fol.198
[55] Fol.200
[56] Ibid.
[57] Fol.201
[58] Fol.202

L-imputat ukoll stqarr ma' Fiorentino li *"he pulled up the bed rails* ***and he might have accidentally hit Mr Axiaq against the bed rails*** *or with the back of his hand."*[59] Tali spjegazzjoni mill-imputat, simili bhal dik li taha lill-pulizija, hi inverosimili tenut kont li bhala *carer* li sa mill-2015 kien jattendi persuni vulnerabbli bhal ma kien Axiaq u ghalhekk **tal-mestjier**, kellu **gharfien bizzejjed** dwar kif tittella' l-*bed rail* minghajr ma tigi perikolata sahhet pazjenti vulnerabbli fdati lilu!

<u>Familjari ta' Emmanuele Axiaq</u>

**Rita Axiaq**, mart Emmanuele, spjegat kif xi 3.15pm cemplilha l-N.O. Noel Sharples li nfurmaha li zewgha kienet telghatlu bocca taht ghajnejh li b'konsegwenza tbengel wiccu w li ghalhekk kien ser jittiehed Mater Dei.[60] Meta wasslet l-isptar rat li kellu zewg *lumps* kbar u tbengil sa ghonqu. Meta staqsiet lil zewgha kif gralu hekk, **ghamillha mossi ta' daqqiet ta' ponn** ***"punching in the face".***[61] Bdiet tistaqsieh min kien li ghamillu hekk u bdiet tissugerixxi ismijiet ta' *carers*.

> *"Xhud: U l-ahhar wiehed* ***semmejtlu lil Charlton, ghidtlu Charlton? Ghamilli hekk b'rasu u infaqa' jibki kemm jiflah.***
> *Qorti: Hawnekk ix-xhud is giving a <u>nodding</u> movement."*[62].
>
> Izzid:
>
> *"****mhux l-ewwel darba li qallu naghtik daqqa ta' ponn***
> *Qorti: X'jigifieri mhux l-ewwel darba naghtik daqqa ta' ponn?*
> *Xhud: Charlton ehe*
> *Qorti: Kif taf?*
> *Xhud: Ghax <u>anke lilna kien jghid</u>*
> *Qorti: X'inhi din? Anke lilek qal min Charlton?*
> *Xhud: Darba kont mort u sibt ir-ragel immasshan u lilu u kien hemm iehor*
> *Qorti: Meta qed tghid lilu, ghal min ghal Charlton?*
> *Xhud: Qalli ghax ghandi jkun tieghi xarrabhom, l-id it-tajba xarrabhom bil-luminata, kont nehodlu naqa luminata jiena u xarrabhom*
> *Qorti: Xarrabhom biex jiccajta maghhom jew apposta?*
> *Xhud: Ma nafx…. Xi haga ghamlulu ghax jien tieghi la jitkellem la jiccaqlaq, la haga u lanqas ohra u qabez* ***Charlton qalli naghtih daqqa ta' ponn*** *ta jew immur customer care, qbizt jien u ghidtlu tridx niehdok il-customer care? U*

[59] Ibid.
[60] Fol.45-46
[61] Fol.46
[62] Fol.47

*bqajna hekk, ghidtlu ftakar li intom pa tistghu [recte: ma tistghux] tmissuhom u ftakar li qeghdin tithallsu minn fuqna ghax jien kull ma ghandi parti mill-pensjoni tieghu, b'hekk qed nghaddi jien. Kellu jaqlali din il-bicca xoghol? No sir, no way.".*[63]

In kontro-ezami tispjega li l-ewwel ma bdiet tistaqsi lill-zewgha kien il-kulur tal-qalziet ta' dak li wegghu. Staqsiet kienx xi hadd liebes qalziet ahdar u dan indika b'rasu li le. *"Imbaghad ftakart f'dak liebes l-abjad li jqassmu il-x'jismu dak li jilbes l-abjad* ***imbaghad ghidtlu Charlton? Ghamilli iva u nfaqa jibki.*** *Imbaghad kien hemm it-tifel tieghi u t-tifel mill-ewwel induna ghax mar qabilna l-isptar."*[64]. Zewgha ghalkemm pupletku kien mohhu tajjeb, jiehu pilloli ghall-pressjoni w *cholesterol;* kien ilu seba snin residenti hemm.[65]

**Pierre Axiaq**, bin Emmanuele, iddeskriva kif ommu ċemplitlu biex imur l-isptar Mater Dei għax missieru *"telagħlu wiċċu"*. Mar Mater Dei fejn ha ritratti ta' missieru waqt li kien ghadu l-emergenza;[66] lil huh qallu *"dan xi hadd sawtu"*. Kien hemm diga` l-pulizija jinvestigaw x'hin wasal l-emergenza.[67] Minn hemm mar San Vincenz u fil-presenza tal-imputat staqsa lin-*nursing officer* min kien sawwat lill-missiseru; dak il-hin Spiteri baqa' sieket.[68] Meta nsista biex ikun jaf minn sawwtu, **Spiteri *"qalli ha nghidlek, qalli dan tellajtu xi siegha jew in-nofs siegha, jien tellajtu, qalli jista' jkun habata,".***[69]

Meta Pierre sema' dan minghand Charlton rega' mar Mater Dei, *"Kien hemm is-Surgent tad-distrett u hekk u meta mort l-isptar u* ***kif semmejtlu l-isem Charlton, missieri ghamilli hekk u qabad jibki….. Jaghti bil-ponn u jaghti b'rasu*** *[Qorti: Jaghti u jnizzel u jtella' rasu, nodding jigifieri, nodding] Ehe ezatt".*[70]

Pierre esebixxa **zewg ritratti** mehuda fil-5 ta' Awwissu waqt li missieru kien qed jigi kkurat fl-emergenza.[71] Ir-ritratti juru tbenġil limitatament fuq in-naħa tax-xellug.

Fit-**tieni sett ta' ritratti** mehuda w esebiti mill-Ispettur Pawney jumejn wara, it-tbenġil jidher mifrux għal madwar in-naħa ta' fuq tal-ghajn ix-xellugija kif ukoll madwar l-għajn il-leminija, l-imnieħer u d-dawra tal-ħalq fuq in-naħa tax-xellug.

---

[63] Fol.48
[64] Fol.50
[65] Fol.50-51
[66] **Dok.PA** u **PA1** a fol. 31-32
[67] Fol.27-28
[68] Fol.28
[69] Fol.29
[70] Fol.29
[71] Vide kopja ohra **Dok.PAZ** u **PAZ1** a fol.145-146

**Jason Axiak,** bin Emmanuele, xehed kif xi 2.45pm ircieva telefonata minn San Vincenz fejn gie nfurmat li missieru kien ser jittiehed Mater Dei ghax intnefahhlu wiccu. Ghadda ghall-ommu u kif wasal sab lil huh kif ukoll pulizija. Huh Pierre qallu li missierhom gie msawwat.[72] **Staqsa lill-missieru kif garrab il-griehi u dan ghamel movimenti ta' meta persuna qed taghti bill-ponn.** San Vincenz qalulhom li missieru kellu daqqa zghira mentri l-affarijiet urew mod iehor.[73] Huh, li kien mar San Vincenz, indikalu li Charlton Spiteri seta' kien responsabbli ghal dawk il-griehi:

> *"Xhud: U mort nigri fuq missieri l-emergenza u* ***ghidtlu isma, Charlton? U beda jaghmilli hekk b'rasu, iva***
> *Qorti: Jurik li iva*
> *Xhud:* ***U jibki***
> *Qorti:* ***Kif semmejtlu lil Charlton beda jibki***
> *Xhud:* ***Iva u jibki***
> *Qorti: Kif semmejtlu lil Charlton beda jibki*
> *Xhud: Iva ehe, iva u jibki".*[74]

In kontro-ezami jixhed li kien staqsa lill-missieru

> *"Xhud: Biex ghamiltha, biex grat din?* ***U urieni b 'idejh bil-ponn***
> *Avukat Difensur: Ghamillek hekk bil-ponn*
> *Xhud:* ***Bil-ponn ux jigifieri tah xi hadd bil-ponn***
> *Qorti: Hawnekka l-Avukat Difensur difensur, kif ukoll ix-xhud qeghdin jaghmlu sinjali fists, daqqiet*
> *Xhud: Daqqiet f'sahhna ta' demm".*[75]

Semma' kif l-imputat kien qallu *"ha naghtih daqqa"* izda dan il-kliem ma kienx intqal b'xi rabja w ghalhekk ma ha l-ebda azzjoni dwaru.[76]

L-abbli difiza, fit-trattazzjoni finali taghha, tissottometti li mhux cjar min semma' isem Charlton lil Axiaq.

Kif jixhdu PC965 u PS1396 kien wiehed minn ulied Axiaq li qalilhom bl-isem ta' Charlton u huma semmew dak l-isem ma Leli Axiaq. Pierre innifsu jghid li wara li mar l-isptar sabiex jiehu sodisfazzjoni dwar il-griehi li soffra missieru, griehi bhal *black eye* li faccilment wiehed jista' jassocja ma xi daqqa` , **kien l-**

---

[72] Fol.33
[73] Fol.34
[74] Fol.35
[75] Ibid.
[76] Fol.36

**imputat stess li qal li seta' kien hu li laqat lil Leli.** Mhemmx dubbju ghalhekk li issa li kien jaf bl-isem, missieru kien ser jigi mistoqsi dwaru. Il-Qorti ma tara l-ebda kontradizzjoni f'dan kollu. Anzi tistenna li meta ghandhek familjari, kollha mdawwrin ma anzjan anzjuzi biex jiskopru x'wasslu jispicca fuq sodda l-emergenza b'wiccu mimli tbengil, jibdew isiru mistoqsijiet f'daqqa mill-familjari tieghu.

Jibqa' l-fatt li Pierre kien ltaqa' ma Charlton li qallu li kien hu li kien qed jiehu hsieb missieru meta wegga'. **Dan l-isem inghata lill-pulizija** li dak il-hin kienu qed jitkellmu ma Axiaq: *"Umbaghad kien hemm it-tfal tieghu gibduni mal-genb qaluli isma` ara ha ntuk naqra ismijiet ta' Carers qalli u semmihomlu. U qalli tani isem Charlton....Fost ohrajn. U malli staqsejtu Charlton dan l-anzjan emozzjona ruhu u nfaqqa` jibki. Umbaghad staqsejtu hu u beda jaghmel sinjal iwa u kompla jibki."*[77] Jikkonferma dan PS1396 Sergio Farrugia li jsemmi kif kien PC965 li beda jaghmel domandi lil Axiaq meta fid-daqqa u l-hin ***"it-tifel tieghu qallu mhux certu Charlton Spiteri u l-anzjan infaqqa` jibki.".***[78]

Ix-xhud Okulari: Toni Sant

Fuq ordni tal-Qorti, maghmula ai termini tal-Artikolu 647 tal-Kodici Kriminali, ittiehdet ix-xhieda ta Anthony (Toni) Sant[79] li kien pazjent fl-istess kamra ma Axiaq, mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Portelli.

Tenut kont tal-importanza tat-testimonjanza tal-uniku xhud okulari, il-Qorti ma strahietx biss fuq it-traskrizzjoni, li *ictu oculi*, fiha numru ta' siltiet fejn ma saritx traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda u thallew biss puntini (......), izda semghet ukoll l-*audio* esebit bhala parti mir-relazzjoni tal-Assistent Gudizzjarju Portelli.

Ikun ferm opportun li, illum il-guranta meta t-teknologija saret aktar difuza w utilazzata mill-qrati, meta xhud ma jistghax jattendi fizikament il-Qorti, tali xhieda tibda tittiehed permezz ta' *video-conferencing* ai termini tal-artikolu 647A tal-Kodici Kriminali. Minn tal-inqas issir registrazzjoni *(recording)* tax-xhieda li tittiehed ai termini tal-Artikolu 647 sabiex jippermetti lill-qorti ssegwi l-espressjonijiet u l-karatteristici ta' dik il-persuna li taghha tkun qed tittiehed ix-xhieda.

*L-audio tax-xhieda*

[77] Fol.77-78 per **PC965 Maverick Camilleri**
[78] Fol.81-82
[79] Digriet tal-11 t'Ottubru, 2018; Vide fol.41. Rapport ta' **Dr. Anna Portelli** esebit nhar it-28 ta' Novembru, 2018 a fol.88 et seq.

Il-Qorti semmghet is-CD tal-*audio* tax-xhieda ta' Sant.[80] Il-pazjent mhux cjar fl-artikolazzjoni ta' kliemu izda mhemmx dubbju li meta domanda tigi spjegata lilu bil-mod, jifhem dak li jkun mistoqsi. Jirrizulta li f'hinijiet sarulu domandi minghand iktar minn persuna wahda fl-istess hin, li wassal sabiex Sant jitnervez u jghaggel meta beda jitkellem. Kien ferm propizju li l-abbli Assistant Gudizzjarju rregistrat l-*audio* tad-deposizzjoni ta' Sant ghaliex dan offra lill-Qorti l-fakolta` li tinnota certi kliem u frazijiet li baqghu ma tnizzlux fit-traskrizzjoni tal-istess xhieda, minhabba li biex jinfthiemu kienu jinhtiegu li partijiet tal-*audio* jinstemghu diversi drabi qabel ma certu kliem gew decifrati.

Sant jispjega kif Leli ried jinzel mis-sodda w hu skoraggieh w qallu li seta' jinzel fis-saghtejn (2pm) izda dan ma semghax minnu w nizel f'daqqa mal-art (4.10-4.24). Jghid li kif Leli waqa l-hadida tas-sodda ***"l-iehor tah erba daqqiet* (4.31-4.32) … *in-nurse* (4.34)"**

Filwaqt li jghid li l-imputat ma kienx prezenti w baqa' ma iddentifikax <u>*"mijedx hawnhekk* (4.36-4.37)*"*</u>, meta l-abbli difensur ghall-parte civile tistaqsieh jafx x'jismu in-*nurse* li skond hu taha daqqtejn lil Axiaq hu **pront jghid cjar *"Charles"***(4.46).[81] Din il-mistoqsija u r-risposta ghaliha ma gewx traskritti fit-traskrizzjoni minhabba li f'dak il-hin kellmet lix-xhud Dr. Portelli[82] izda l-istess domanda issir ftit wara (5.32-5.33mins) u din id-darba titnizzel fit-traskrizzjoni.[83]

**Wara li Sant jerga' jsemmi lil dan *"Charles"*** ikompli bi frazi li jidher li ma nftehmietx mit-*transcriber.* Ix-xhud <u>kompla jelabora fuq dan Charles</u> u jghid li *"**gieli jiccajta** fuq il-football (5:37mins)"* tant li hu kien jghidlu *"gejt ghax-xoghol jew biex tparla fuq il-football* (5:44mins)*"*. Incidentalment, anke Jason Axiaq jixhed li kien ta' spiss jitkellem ma Charlton fuq il-football.[84]

Ghall-fini ta' kompletezza jigi osservat li meta Sant jigi mistoqsi x'kien ix-xoghol ta' dan ***"Charles"*** hu bla tlaqliq iwiegeb ***"nurse* (6.9-6.10mins)"** din il-kelma ma gietx traskritta, izda tnizzlet biss il-frazi sussegwenti li kien ***<u>"iqassam</u> it-te`".***[85]Rita Axiaq ukoll tixhed *"Imbaghad ftakart f'dak liebes l-abjad li <u>jqassmu</u> il-<u>x'jismu dak li jilbes l-abjad</u> imbaghad ghidtlu Charlton? Ghamilli iva u nfaqa jibki........"*[86].

---

[80] Fol.90
[81] Fol.100
[82] Fol.100
[83] Fol.102
[84] Fol.36
[85] Fol.102
[86] Fol.50

Sant jerga' jirrakonta kif insista ma Leli biex ma jinzilx mis-sodda izda dan nizzel saqajh (8.47-8.50) u waqqa' l-hadida tas-sodda fuqu (9.01).

**Turija ta' kemm Sant kien qed isegwi dak li kien qed jinghad, tirrizulta mill-fatt li jikkoregi** lil Dr.Abela meta l-abbli difensur haseb li fehmu jghid li kienet marret mara ohra tkellmu li kienet *"maghhom (*13.42)", Toni Sant hu pront jikkoreggieh u jghidlu ***"maghkhom!(*13.43), *ma dak"(*13.44; 13.46) u jinsisti li *"iva"* mieghu kienet (13.47).**[87]

Interessanti li f' 13.47mins jghid li marret tkellmu l-guranta ta' qabel mara ohra li kienet *"ma dak"* fejn kien qed jirreferi ghall-imputat. Dr. Camilleri tghidlu *"igifieri dan (l-imputat) kellmek?* (13.49)" Sant iwiegeb *"iwa, il-bierah ma nafx* (13.53)." Ghalhekk Dr. Scerri staqsieh darbtejn *"tafu l'dan jew ma tafux?* (13.54 u 13.57)" u Sant issa jwiegeb ***"nafu jien"***(13.58). Jistaqsuh *"min huwa dan?"* (13.59) u Sant jghid ***"Char (14.10)"*** u sekonda wara jkompli *"ma nafx min hu, ma kellux lejha* (14.01-14.03)" Meta jigi kkonfrontat li qed ihawwad fid-diskors jghid ***"nafu sewwa* (14.26).",** izda meta l-imputat jersaq lejh, jerga' jtenni li ma jafux (14.48).

Minn dan il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li jew ix-xhud gharaf lill-imputat izda ma riedx jiddentifikah, jew inkella ghaliex verament ma setghax jghid b'certezza li kien hu, zamm lura milli jiddentifikah.

L-imputat jitbieghed u jidhol wara l-paraventu (15.50). Mistoqsi minn Dr. Abela jekk kienx haddiehor li qallu x'gara jwiegeb *"hekk qaluli* (17.39)." Dr. Camilleri in ri-ezami tistaqsieh (18.23-18.24) jekk kienux qalulu dwar id-daqqiet ta' ponn jew inkella qal hekk ghax raha hu stess jixhed li ***"qaluli l-ewwel"* (18.25) izda jkompli li** *"imbghad giet it-tifla u* ***qaltli inti rajtu [?] u jien ghidtilha iva rajtu jaghti daqqa lil missierek*** **(18.30-18.34)"** b'din l-ahhar parti ma titnizzilx fit-traskrizzjoni.[88]

Fuq dan il-Qorti tasal ghall-konluzzjoni li Sant ma qaghdx jahbi li gie mitkellem minn bint Axiaq. Izda kuntrarjment ghas-sottomissjonijiet finali tad-difiza li targumenta li Sant gie mitkellem mill-familja ta' Axiaq biex jghidulu x'jghid – xi haga li ma giet ippruvata lanqas remotament mill-imputat - jirrizulta li hu gie mitkellem mill-familjari ta' Leli meta **staqsewh** kienx ra x'gara. Hu ovvju w naturali li jsir dan!

Wiehed jistenna li ser jirrakontawlu x'kien gara lil missierhom biex jindagaw x'seta' gralu! **Min ma kienx ser jaghmel minn kollox biex jasal isib x'gara lill-**

[87] Fol.111-112
[88] Fol.117

**persuna vulnerabbli li thalliet f'istituzzjoni intiza biex tipprotegi u thares is-sahha ta' persuni simili, izda minflok tispicca wicca mbengel tibki f'qieh ta' sodda fl-emergenza??** L-ispettur Pawney stess issemmi kif Dr. Fiorentino gie nfurmat minn terzi li kien hemm xhud okulari, u dan wara xi erbat ijiem (issemmi li tkellem ma Sant fid-9 t'Awissu w l-kaz sehh fil-5 ta' Awissu).

Sant jghid li ghalkemm qalulu b'dak li gara lil Leli, *"imbghad giet it-tifla u **qaltli inti rajtu u jien ghidtilha iva <u>rajtu jaghti daqqa lil missierek</u>** (18.30-18.34)"*.[89]

Ghall-kuntrarju ta' dak allegat mill-imputat, Sant kien veritjier u ma zammx lura milli jikkonferma li qalulu b'dak li gralu Leli, izda daqstant iehor qal u rrakonta **dak li ra** jigri fis-sala li kien rikoverat fiha ma Leli Axiaq.

Rilevantissimu hu fatt li jsehh meta Sant gie mitlub jiddentifika lill-imputat li thalla javvicinah biex jarrah sew. **Toni Sant ilissen il-kelma *"Char (14.10)"* izda jinsisti li ma jafux**.

Toni Sant hu definittiv u konsistenti meta ghal diversi drabi jsemmi li *"**Charles**"*, **taha *"erba daqqiet ta' ponn"*** lil Axiaq. Hu daqstant iehor kategoriku meta jibqa' jsemmi li l-hadida Leli kien waqqahha (19.41-19.42; 19.54-19.55) u kien hekk kif sehh dan li Leli gie msawwat minn **Charles** b'daqqiet ta' ponn.

---

[89] Fol.117. F'din is-silta gew omessi il-kliem ***<u>rajtu jaghti daqqa lil</u>" [missierek: traskritta]* (18.30-18.34)**

*Ix-xhieda traskritta*

In konsiderazzjoni tax-xhieda traskritta m'hemmx htiega li terga' ssir riferenza ghal dawk il-partijiet li ma tnizzlux fit-traskrizzjoni galadarba ghadu kemm sar accenn ghal dawn is-siltiet bil-hin relattiv tal-*audio registration.*

Mistoqsi jekk jiftakarx b'xi incident, Toni jghid li Axiaq ried jinzel mis-sodda ***"Qalli issa irrid ninzel......Il-hadida waqqaha hu...l-iehor tah erbgha daqqiet...in-nurse".*** [90] Mitlub jiddentifika min kien dan in-nurse issemmi lil **Charles** u jkompli li ***"jien ghidt lil Charles, 'hallieh,....issawtux"***[91]**.** Dan ***Charles*** kien ***nurse*** **u jqassam it-te`** u dakinhar **l-ewwel kien ma iehor** izda dan *"l-iehor telaq l'hemm ma qaghdx fejnu".*[92] Sant jikkalkulha li dan tah **bejn tlieta sa erba daqqiet *"erbgha zgur",*** u dan billi tah id-daqqiet ta' ponn fuq il-widna.[93]

Jirrakonta fatt skoncertanti. Dan **Charles anke lilu kien sawwat billi tah daqqtejn ta' ponn f'dahru** u b'konsegwenza Sant wissieh li kien ser ikellem lin Noel, l-imghallem tieghu.[94] Jghid li d-daqqiet inghataw fuq il-widnejn il-leminija ta' Leli. **Axiaq kien waqqa' l-hadida fuqu u kien wara li gara hekk li qala' erbgha daqqiet ta' ponn.**[95] Mitlub jara jarafx lin-*nurse* li kien tkellem dwaru, Sant baqa' ma gharaf lil hadd, ghalkemm sostna li din il-persuna kien jaraha kuljum u seta' jgharafha, izda meta muri l-imputat ma gharfux.[96]

In kontro-ezami jinsisti li Axiaq qala' erba' daqqiet ta' ponn fuq il-widna l-leminija.[97] Mistqosi jaghrafx lill-imputat, ix-xhud kien inkonsistenti fejn filli jghid li ma gharfux kif ukoll ikun ser jghid ismu w jerga' jirtira kollox ***"Cha....ma nafux min hu",***[98] izda ftit wara jghid li ma gharfux ghax meta rah dakinhar tas-seduta la kien liebes l-uniformi u ma kellux lehja.[99] Sant jghid li kienu xi nies li marru fuqu u *"kienu huma li qaluli x'gara".*[100] In ri-ezami jikkonferma li kienu qalulu li qala' daqqtejn ta' ponn, izda li **anke hu kien ra kollox: *"imbghad giet it-tifla u qaltli rajtu u ghidtilha iva"***[101] ghax x'hin sehhet l-aggressjoni hu kien fuq is-sodda: *"imbghad giet it-tifla u qaltli inti rajtu u jien **ghidtilha iva rajtu jaghti daqqa lil missierek*** **(18.30-18.34)"**.

[90] Fol.99-100
[91] Fol.102
[92] Fol.102
[93] Fol.103
[94] Fol.104
[95] Fol.105
[96] Fol.106-108
[97] Fol.110
[98] Fol.112
[99] Fol.114
[100] Fol.116
[101] Fol.117

L-affidabilita` ta' Toni Sant

Dwar din ix-xhieda, l-abbli difensur tal-imputat sostna, fit-trattazzjoni finali minn tieghu, li dan ix-xhud ma kienx wiehed li fuqu setghet tistrieh il-Qorti. Jaghmel din l-osservazzjoni billi jaghti piz hafna ghal dak li xehed Dr. Mario Scerri meta mitlub jikkumenta dwar ir-*reliability* tax-xhud Toni Sant.[102]

Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u dan ghal diversi ragunijiet:

Hu minnu li meta Dr. Scerri gie riprodott in kontro-ezami, gie mistqosi mill-abbli difensur jekk Sant kienx xhud *reliable*. Dr. Scerri wiegeb: *"Naf illi l-verzjoni tieghu kienu konfuzi hafna, jigifieri ma kienux konsistenti u allura kif qed tghid inti, la ma kienux konsistenti, mhux reliable. U dana ma tax ix-xhieda as such. Beda ihawwad. Filli jiftakar, filli ma jiftakarx. Filli jhares lejn l-imputat b'certu harsa...kien incoherent. Not answering sensibly to questions being asked"*.[103]

Illi jigi sottolinejat li l-kreddibilita` ta' xhud hu fatt li jigi determinat esklussivament minn min irid jiggudika fuq il-fatti. Irid jigi rilevat li d-disposizzjoni tal-Artikolu 563A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx applikazzjoni ghall-proceduri penali:

> (2) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, jekk din ix-xiehda tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment minnha, għandha tkun ammissibbli bħala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.

Jigi nnutat li, kuntrarjament ghal dak li ssostni d-difiza, l-espert Scerri qatt ma kien inkarigat biex jevalwa lix-xhud Anthony Sant, kompitu riservat lill-Assistent Registratur li giet mahtura ai termini tal-Artikolu 647 tal-Kodici Kriminali. Ma kien hemm l-ebda inkarigu biex xi hadd jezamina l-kapacitajiet jew l-istat fiziku jew psikologiku ta' Sant!

Fil-fatt l-inkarigu ta' Dr. Scerri moghti fl-4 ta' Settembru, 2018, kien biex **jiehu x-xhieda** bil-gurament ta' Emmanuele Axiaq izda dan lahaq miet qabel ma kienet ittiehdet dik ix-xhieda![104] Imbghad fil-11 t'Ottubru, 2018, (data tas-seduta segwenti), giet mahtura Assistent Gudizzjarju sabiex tiehu ix-xhieda ta' Axiaq hi kif ukoll ta' Toni Sant fil-presenza ta' Dr. Scerri.[105] Ix-xhieda ta' Axiaq ma lahqietx ittiehdet peress li dan miet fit-23 t'Ottubru, 2018, meta l-inkarigu kienu baqa' ma giex espletat.

---

[102] Fol.240: **Trattazzjoni Finali**
[103] Fol.229
[104] Fol.8
[105] Fol.41

Fl-ahhar nett il-Qorti tirrileva li meta Dr. Scerri ghamel dik l-osservazzjoni, l-abbli espert ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu rizultanzi processwali li jikkoroboraw il-gran parti tax-xhieda ta' Sant.

*Korroborazzjoni tax-Xhieda ta' Sant*

Fil-fatt ghall-kuntrarju ta' dak li jghid l-abbli difensur tal-imputat, diversi huma l-okkazzjonijiet fejn dak li jixhed Sant issib korroborazzjoni b'evidenza ohra:

- Okkazzjoni li turi li kien tassew jaf x'qed jghid Sant hu meta jsemmi kif dan in-*nurse* bl-isem ta' Charles, ***"nehhewh minn hawn".***[106]. Fil-fatt irrizulta mix-xhieda ta' Dr. Fiorentino li wara li sehh dan il-kaz l-imputat twaqqaf milli jirraporta ghax-xoghol f'San Vincenz.[107]

- Sant issemmi li ra lin-nurse Charles jaghti daqqiet ta' ponn fuq widnejn Axiaq. Fic-certifikat mahrug minn Dr.Sarah Debattista insibu li Axiaq soffra *"hyperdense sulcus in the left parietal area possibli reflecting a small post-traumatic subarachnoid bleed"*.[108] Meta gie riprodott fuq ordni tal-Qorti, Dr. Mario Scerri kkonferma li dan jigi propju ftit il-fuq mill-widna![109]

- Mistoqsi min kien li soffra id-daqqiet ma jaghtix biss isem Axiaq, izda minghajr hadd ma ssugerilu xejn: ***"Leli, Leli minn Haz-Zabbar. Issa mejjet."***[110] Dan jigi kkonfermat fic-certifikati tat-twelid u tal-mewt li juru li Leli Axiaq twieled f'Haz-Zabbar.[111] Tassew kien jaf x'qed jghid Sant!

- Sant issemmi li Axiaq ried jinzel mis-sodda bilfors u ghalkemm qallu jibqa' fis-sodda dan ma riedx jaf: ***"Qalli issa irrid ninzel***[112]***......***"*le issa irrid ninzel...bhal haddiehor irrid ninzel"*[113].

  Jitfakkar dak li xehed Ronayne issemmi dettal li jixhed dwaru wkoll Sant meta jghid li Axiaq *"beda jirrabja li ried bilfors jinzel, issa dan qatt ma*

[106] Fol.106
[107] Fol.200; per **Dr. Ronald Fiorentino**
[108] Fol.19
[109] Fol.250
[110] Fol.117-118
[111] **Dok.SP1** a fol.18; **Dok.MX** a fol.139
[112] Fol.99-100
[113] Fol.117

*ghamilha din il-bicca xoghol, dakinhar ried jinzel, issa jew ghax forsi ra lil Spiru, jew, ma nafx".*[114]

Mela kien korrett Sant meta stqarr li Leli ried jinzel mis-sodda bhal ma ghamel haddiehor!

- Sant jghid li meta hu stess gie msawwat minn Charles, l-istess *nurse* li sawwat lil Axiaq, rrejagixxa billi widdbu li kien ser jirraportah lill-imghallem tieghu: *"Lili taghni ukoll f'dari…darbtejn taghni* [115] *….* ***Ghidtlu…hallini bil-kwiet…..qalli hekk irrid…*** *u ghidtlu ha nkellem lin-Noel….* ***Noel ghandhi bzonn inkellmu*** *……Noel ghandhi bzonn inkellmu……**.mghallem**[116]**….tani daqqa fuq dari."***[117]

  Jirrizulta li l-imghallem hu Noel Sharples, in-*nurse in charge,* u s-superjur tal-imputat! Ma tantx ihawwad ix-xhud Sant!

- Sant jixhed li ghall-ewwel Charles kien ma *nurse* iehor izda wara dan telaq u Charles baqa' wahdu: *"l-iehor telaq l'hemm ma qaghdx fejnu"*[118]. Dan jikkonfermah Raphael Ronayne *"Dik il-gurnata jien ghint lil Charlton intellghuh il-fuq, nirrangawh fis-sodda...lil Leli....tlaqt il-barra jiena...ftit wara gie hdejja, ma harigx mieghi le mill-ewwel".*[119]

Huma siltiet b'dawn id-dettalji, li ghall-ewwel jidhru insinifikanti jew li ma jinciedux fuq il-mertu ta' dan il-kaz, li permezz taghhom il-Qorti hi konvinta li Sant kien **xhud okulari** ta' dak li garrab Leli Axiaq.

Hadd ma seta' jkun jaf certu dettalji jekk mhux ghax kien prezenti u cioe`:
(i) kemm dahhlu *nurses/carers* is-sala biex ipoggu lura f'soddtu lil Leli; u
(ii) li Leli ried jinzel mis-sodda ghax ra lil haddiehor jaghmel l-istess; wara kollox Ronayne stess jixhed li kienet l-ewwel darba li Leli ghamel hekk!

Dak li jixhed dwaru Sant huma **dettalji li jista' jkun jafhom biss min kien fil-presenza ta' Leli Axiaq!! Fil-fatt Sharples jixhed li s-sodda ta' Sant kienet faccata tas-sodda ta' Axiaq.**[120]

---

114 Fol.54
115 Fol.103-104, Fol.107
116 Fol.103-104
117 Fol.107
118 Fol.102
119 Fol.53
120 Fol.221

Indikazzjoni cjara li l-imputat jaf x’gara lil Axiaq ghax kien **xhud okulari** u mhux semplicement ghax gie indottrinat mill-familja ta’ Axiaq x’kellu jghid, huma is-segwenti dikjarazzjonijiet li jaghmilhom meta mistoqsi jekk kienx jaf x’gara ghax raha b’ghajnejh, jew, ghax hekk intqal lilu:

> *“Xhud: ......qaluli...**U mbghad giet it-tifla u qaltli rajtu u ghidtilha iva**....missierek....* [li fuq l-*audio* tinstema’ ***“imbghad giet it-tifla u qaltli inti rajtu u jien ghidtilha iva rajtu jaghti daqqa lil missierek (18.30-18.34)]..***
>
> *Dott. Alicia Camilleri: inti fejn kont dak il-hin?*
> *Xhud:* ***fuq is-sodda***
> *Dott. Alicia Camilleri: fuq is-sodda. U semmejt lil xi hadd Charles, x’rajtu jaghmel lil dan Charles? X’rajtu inti?*
> *Xhud: heq, qallu inzel....Lel,* ***...Lel inzel fis-saghtejn....le issa irrid ninzel...bhal haddiehor irrid ninzel....***
> *Dott. Alicia Camilleri: u mbghad x’rajtu jaghmillu? Daqqiet ta’*
> *Xhud: (**ix-xhud jaghmel gesti li jindikaw daqqiet bil-ponn**)*
> *.....*
> *Assistent Gudizzjarju: mela erga’ urina kif rajtu jghamillu?* ***Ix-xhud qed jindika bil-ponn. U fejn? Mela x-xhud jindika fuq widnejh....***
> *.....*
> *Assistent Gudizzjarju: ghal Charles qed tirreferi?*
> *Xhud: ehe, il-hadida waqqahha Leli*
> *Assistent Gudizzjarju: lil certu Charles jaghti bil-ponn fuq widnejn, x’kiem jismu min wegga?.....lil dak li tah daqqa ta’ ponn x’kien jismu?*
> *Xhud:* ***Leli, Leli minn Haz-Zabbar. Issa mejjet.****”*[121]

Jibqa’ l-fatt li meta muri lill-imputat jghid li ma gharfux, izda mhux qabel ikun ser **llissen parti minn ismu *“Char (14.10)”*–** evidenza cjara kristall li gharfu izda ghal xi raguni ghazel li jzomm lura illi jghid dan, inkluz ghaliex ma kienx ghal kollox cert:

> *“Xhud:* ***nafu jien***
> *Dr. Mario Scerri: Min huwa?*
> *Assistant Gudizzjarju: min huwa dan?*
> *Xhud:* ***Char….****ma nafux min hu”.*[122]

[121] Fol.117-118
[122] Fol. 112

Fuq dawn ir-rizultanzi issir riferenza ghal dak li rriteniet Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli**:[123]

> ….kull xhud jsita' jitwemmen f'kollox, ma jitwemmen f'xejn jew jitwemmen f'parti u ma jitwemminx f'parti oħra. Min jiġġudika jrid iqis x'jemmen u x'ma jemminx u huwa possibbli li min jiġġudika jemmen parti biss u mhux kollox.

Fil-kaz in dezamina, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taghti kreddibilita` shiha lix-xhieda ta' Toni Sant meta jinsisti diversi drabi li **raha lil Charles jaghti erba' daqqiet ta' ponn** lil Leli Axiaq.

Dwar il-fatt li Sant jindika li d-daqqiet inghataw fuq **<u>il-widna</u>** <u>l-leminja</u> ta'Axiaq meta il-gran parti tal-griehi jidhru fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, dan ma jfissirx li b'daqshekk ix-xhud ma ghandux jigi emnut li ra lil Axiaq jissawwat. Hu faccli li wiehed ifixxkel il-lemin max-xellug partikolarment meta dan kien sitwat fuq soddtu **faccata** tas-sodda ta' Axiaq.

Iktar minn hekk ma jridx jintnesa l-attenzjoni ta' dan ix-xhud kienet diretta, kif jghid hu stess, lejn Charles meta beda jitolbu jieqaf milli jwegga' lil Leli: ***"jien ghidt lil Charles, 'hallieh....issawtux".***[124] Kliem li kien gja lissen mal-ispettur Pawney: "*Jien mort fis-sala 3, Fatima Ward, ...... fejn dan lili qalli lil Charlton Spiteri isawwat lis-Sur Axiaq u anke intervjena vokalment u anke speci qallu hallih, ieqaf*".[125]

Iktar rilevanti minn dan hu, kif jixhed Dr. Scerri, li kien ferm faccli li t-tbengil jidher fuq naha opposta ta' fejn wiehed ikun soffra l-griehi, peress li d-demm jimxi meta bniedem bhal Axiaq, ikun jiehu *anti-coagulants*!!! Fil-fatt Scerri jsemmi li il-*bleeding* kien koncentrat fil-*parietal area*, l-parti li tigi qrib il-widna:

> "**Dr. Mario Scerri:** *Kif qed jissuggerixxi l-Avukat, <u>jista' jkun</u> li jkollok trauma fuq din in-naha tal-wicc u jkollok bleeding fuq in-naha l-ohra. Mhux necessarjament, <u>normalment illi tkun, jekk tkun qlajt daqqa hawn, ha jkollok il-bleed taht</u>. Is- suberachnoid bleed anke jekk per ezempju narawhom whiplash injury li mhux necessarjament tirrifletti t-trauma…**Imma it was a traumatic bleed, issa jekk qalahiex fuq wiccu, jekk qalahiex fuq rasu, it was a traumatic bleed.**"*[126]

---

[123] Per Onor. Imhallef Lawrence Quintano; Appell Kriminali Numru. 59/2013, Deciza 16 ta' Gunju, 2014. Vide ukoll **Il-Pulizija v.Generoso sive Jimmy Sammut... omissis ...;** Per Onor. Imhallef David Scicluna Appell Kriminali Numru. 318/2009 u Deciza 22 ta' Gunju, 2011; **Il-Pulizija v. Louis Mallia** Per Onor Imhallef Vincent Degaetano, Appell Nru. 149/2001 VDG, Deciza 7 ta' Dicembru, 2001

[124] Fol.102

[125] Fol.13

[126] Fol.252-253

Imbghad ikompli jispjega:

> *"Jista' jkun hemm trauma diretta fuq il-perietal region u tahtha johrog il-bleed u jista' jkun ma tkunx id-daqqa fuq il-peritial region illi bl-istess daqqa ghax il-brain huwa wobbly gol-fluid sewwa, ghalhekk gieli nghidu gieli taqla' daqqa fuq hawn u jkollok fuq in-naha l-ohra bleeding ukoll*[127]*….Meta jkollok hematoma, issa din il-hematoma trid tinterpreta sew. Tista' tkun zewg affarijiet, jew blunt trauma fuq l-ghajn, din qeghda fuq il-left ukoll jew inkella* ***tista' tkun trauma fuq ir-ras illi l-primary trauma ma tidhirx*** *imma minhabba li ghandna layer li nghidulha 'galea aponeurotica' li jkun sheet taht l-iscalp, id-demm jittrekja sa hawnekk ghax il-galea ikollha attachment tal-……, jigifieri ghandha attachment taht l-ghajn, jigifieri jekk tara hematoma hawn jista' jkun zewg affarijiet, jew blunt trauma fuq l-ghajn jew inkella* ***jista' jkun xi trauma fuq ir-ras li hawnekk ma timmarkax imma d-demm jissipja minn taht il-galea u jimmarkalek hawn****. Issa ma ninsewx li minghalija dan kien fuq xi aspirina u hekk……… Meta jkun fuq Warfarine, Asparine, Globidogrel, bruises extend and gravitate u they depend fuq il-medicinali li tiehu. L-aspirina li traqqaq id-demm ghalhekk forsi l-hematoma dehret out of proportion mid-daqqa……. dik* ***il-hematoma madwar l-ghajn tista' tkun zewg affarijiet, jew direct trauma jew seeping tad-demm. Filfatt jista' jkun direct trauma ghax anke ghandu wiccu minfuh.*** *Ghandu wiccu l-left ara jidher minfuh*[128] *….issa allavolja jkun ha daqqa fuq wiccu, jista' jkun li ghamillek suberachnoid bleed fuq il-left perietal* ***le ghax mhux necessarjament li tkun fuq il-left perietal bilfors id-daqqa……*** *Issa l-bleed mhux necessarjament ghax ha daqqa,* ***normalment*** *ghax ikun ha daqqa fuq il-left peritial region imma* ***mhux l-ewwel darba li jaqla' daqqa on the left u jibblidjalek fuq ir-right ghax dak jimxi u specjalment dawn li jkunu aktar suxxettibbli ghax qeghdin jiehdu l-aspirina, globidogrel jew warfarina, dawn ikunu aktar suxxettibbli"***[129]

Ghalhekk lanqas ma jista' eskluz li **daqqiet li qala' Axiaq kienu jinkludu daqqa fuq in-naha tal-lemin kif wara kollox indika ix-xhud okulari Toni Sant; bil-*parietal area* tkun il-parti ta' fuq il-widna, ezatt kif sahaq dan ix-xhud okulari!**

Wara li giet ezaminata b'reqqa x-xhieda ta' Sant, li kif intqal hi kkoroborata f'hafna dettalji milli huwa jaghti, din il-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda ta' Sant, ghajr ghal dik il-parti fejn jonoqs milli jiddentifika lill-imputat bhala l-istess Charles li sawwat lil Leli Axiaq, hi wahda attendibbli u ghandha mis-sewwa.

[127] Fol.253
[128] Fol.253-254
[129] Fol.255

Izda dan in-nuqqas ta' Sant li waqaf milli jiddentifika lill-imputat bhala l-aggressur ta' Axiaq, juri kemm hi zbaljata t-tezi tad-difiza li Sant gie indottrinat fix-xhieda tieghu minn familjari ta' Axiaq.[130] Li kieku dan kien minnu, il-Qorti temmen li Toni Sant zgur ma kienx ser izomm lura milli jiddentifika lill-imputat bhala n-*nurse* bl-isem ***"Charles"*** li aggredixxa lil siehbu Leli Axiaq!!

Il-Griehi

Ic-certifikat mediku mahrug minn Dr. Sarah Debattista gie esebit mill-ufficjal prosekutur.[131] **Dr. Sara Debattista** wara li kkonfermat dan ic-ċertifikat[132] tixhed li ordnat li jsir CT Scan ta' wiccu w ta' rasu fejn instab li kellu *"tbengila kbira fuq wiccu, madwar l-ghajn u fuq il-haddejn, kif ukoll, ftit demm migbur gol-mohh.....Demm migbur gol-mohh kif ukoll fuq wiccu kellu tbengila kbira madwar l-ghajn fuq haddejh."*. Meta staqsiet lil Axiaq kif garrab il-griehi dan ghamel sinjali b'idejh li juru ***"punching, fisting movements"*.**[133] Dr. Debattista ikklassifikat dawn il-griehi bhala ***"Grievous****....il-fatt li kellu d-demm gor-ras hija xi haga serja, medikament"*.[134]

**Dr. Mario Scerri** pprezenta r-rapport tieghu li jittratta l-ezami mediku-legali dwar il-griehi li soffra Axiaq.[135] L-espert jispjega li l-mewt ta' Axiaq ma kellha l-ebda relazzjoni mal-incident mertu tal-proceduri odjerni.[136]

Rigward l-ewwel set ta' ritratti, mehuda meta Axiaq kien fl-emergenza w li ttiehdu minn ibnu Pierre,[137] ikkonstata li Axiaq kellu zewg lezjonijiet *"wahda fuq il-left supraorbital ridge in-naha medjali ta' gewwa li kienet testendi ghal fuq il-lateral aspect tan-nasal bone tax-xellug, dik kompatibbli ma' daqqa, dik kompatibbli ma blunt trauma, daqqa bi strument li ma jaqtax u bla ponta....trid tiehu kollox globalment, meta ghandu ohra fuq il-masolabial fold tax-xellug,* ***li kieku waqa' impatt wiehed kien ikollok mhux tnejn."*.**[138]

Muri ritratti **MS4** u **MS5** (esebiti originarjament bhala **Dok.SP5**[139] li ttiehdu mill-Ispettur Pawney waqt li Axiaq kien qed jigi rikoverat), jghid:

---

[130] Fol.241
[131] **Dok.SP2** a fol.19
[132] Fol.42
[133] Fol.43
[134] Ibid.
[135] **Dok.MS** a fol.152 et seq
[136] Fol.148
[137] Fol.143
[138] Fol.148
[139] Fol.26

*"dan ghandu zewg lezjonijiet differenti fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, ghandu lezjoni illi qed taghmillu periorbital haemateoma fuq in-naha tax-xellug illi hija kompatibbli ma' blunt trauma fuq l-ghajn li testendi ghal fuq l-aspett medjali tas-supraorbital ridge u l-lateral aspect tal-left nasal bone, dik daqqa wahda ghaliha nnifisha, imbghad ghandek nefha fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, tbengila fq il-masolabial fold, dik hija daqqa ohra, mhux l-istess daqqa... .dawk zewg daqqiet....* ***Li kieku waqa, waqgha impatt wiehed ikollu, tnejn jista' jkun li forsi intlaqat ma x'imkien jew qala xi rizultat ta' blunt trauma....Daqqa ta' xi strument li ma jaqtax u bla ponta li tinkludi l-id...*** *daqqa ta' hadida, daqqa ta' xi haga, daqqa t'injama, li hija blunt ma ghandhiex xafra u li ma gahndhiex ponta,.....dan kien qieghed fuq aspirina u clopidogrel li jraqqu d-demm, ghalhekk dawn ir-ritratti .... ghandhek hafna haematoma, mhux ghax qala' daqqa n-naha l-ohra, ghandek seeping of blood...Il-blunt trauma qieghed jidher cjar li qieghed [mal-left supraorbital ridge] u l-left nasolabial fold.".*[140]

L-espert forensiku jikkonferma li l-griehi huma **kompatibbli ma daqqa ta' ponn** izda wkoll ma xi haga tawwalija bhal ***cradle*** **tas-sodda, tal-izgambella [*recte: sgabello/stool*]. Madanakollu hu pront l-abbli espert jirrimarka li kieku kien gara dan, Axiaq kien ikollu biss ferita wahda mhux tnejn!** Ikompli bis-segwenti dikjarazzjoni ***"Ghandek tnejn, huwa difficli biex jaqa', jahbat mal-cradle, ikollu wahda, <u>mhux ikollu tnejn</u>....<u>Ghalija Sinjura suspettuzi.... Suspettuzi illi gew inflicted ..... minn terza persuna".</u>***[141]

In kontro-ezami Scerri jixhed li kieku kien il-kaz li Axiaq intlaqat darbtejn bil-hadida tas-sodda seta' jgarrab zewg daqqiet.

Madanakollu jibqa' l-fatt li l-imputat Spiteri, <u>l-unika</u> persuna li jiddikjara li Axiaq habat wiccu mal-hadida jew li hu seta' laqtu f'wiccu, jghid li hoss **<u>wiehed</u> sema, mhux tnejn!! Ghalhekk minn imkien ma jirrizulta, lanqas minn fomm l-imputat, li Axiaq soffra zewg daqqiet!!**

Dr. Scerri wkoll semma' li l-griehi kienu ta' natura hafifa. Izda din il-klassifikazzjoni tal-espert dwar in-natura tal-griehi, kienet tiskontra ma dak li kkonstata hu stess meta fir-rapport minn tieghu jghid li ***"illi kellu hyperdense sulcus fil-left parietal area possibilment rizultat ta' post-traumatic sub-arachnoid bleed".***[142]

Kien ghalhekk li l-Qorti ordnat li jigi riprodott Dr. Scerri sabiex jispjega din l-anomalija.

---

[140] Fol.148-149
[141] Fol.150
[142] Fol.158

Riprodott Dr. Scerri **jikkjarifika li meta kklasifika l-griehi bhala hfief kien qed jirreferi esklussivament ghat-tbengil izda l-*bleeding* fil-mohh indubbjament kien jammonta ghall-griehi ta' natura gravi:**

> *"Ghandek ragun ha nikkjarifika. Waqt il-kontro ezami kien hemm xi domandi dwar xi ritratti….. Ghax dak garrab hematomas. Hematomas as such huma slight…Pero' meta thares lejn dan, inti meta jkollok suberachnoid bleed jista' jkun jew pathological bhal meta nghidu ahna meta bniedem jaghtih stroke inkella jkun post traumatic ghax ikun qala' daqqa jew, din kienet ma hemmx dubju, din kienet bleed ta, mhux haemorrhage kbar, ftit ta, kien hemm ftit bleed fis-suberachnoid li hija post traumatic. Pathological bleed tkun differenti fuq CT Scan. Per ezempju jkollok xi anuerysm jinfaqalek etc, dik li nifhmu biha bhala stroke. **Issa din hija traumatic, traumatic li ghandek traumatic injury bi bleed fil-brain, dak dejjem klassifikat bhala grevious**….. Jien kont qed nirreferi ghax fuq dak kien id-diskors, fuq it-tbengil etc, dak slight it-tbengil"*[143]

Ikompli jispjega:

> *"**Dr. Mario Scerri**: Ara dawn il-lezjonijiet ghax qed nitkellmu fuq periorbital hematoma u nefha fuq in-naha tax-xellug tal-wicc. Jekk tara dawn biss u ma tarax ic-CT Scan, hematoma tfieq titlaq, in-nefha tmur of a slight nature…. …. **pero' in conjunction jekk tara CT Scan u tara li ghandu traumatic bleed li huwa frisk allura dak huwa assocjat, dik jaghmilha of a grevious nature.** Issa l-bleed mhux necessarjament ghax ha daqqa, **normalment** ghax ikun ha daqqa fuq il-left peritial region imma mhux l-ewwel darba li jaqla' daqqa on the left u jibblidjalek fuq ir-right ghax dak jimxi u specjalment dawn li jkunu aktar suxxettibbli ghax qeghdin jiehdu l-aspirina, globidogrel jew warfarina, dawn ikunu aktar suxxettibbli*
>
> ***Difiza**: Pero' d-domanda tieghi hija din Dott, hu pacenzja bija*
>
> ***Dr. Mario Scerri**: Nahseb irrispondejtek*
>
> ***Difiza**: Mill-provi li ghandna hemmekk, milli qed tara b'ghajnejk, hu qala' zewg daqqiet hawnekk, issa din il- x'qed tghidilha fuq wara, ma hawn l-ebda indikazzjoni li giet daqqa terza fuq hawn wara*
>
> ***Dr. Mario Scerri**: Qed nispjegalek, mhux necessarjament*
>
> ***Qorti:** Mhux necessarjament*
>
> ***Dr. Mario Scerri**: Fuq il-perietal il-ghaliex jista' jkun li qala' daqqa fuq wiccu…. minhabba l-vibrations bid-daqqa ikollu l-blood vessels ikunu daqsxejn fragli ghax jiehu l-warfarine u jibblidja*
>
> ***Qorti:** Jigifieri jekk qed nifhmek sew il-bleed mhux necessarjament b'daqqa*
>
> ***Dr. Mario Scerri**: Imma **daqqa fuq wiccu anzjan jista jkollu suberachnoid bleed fuq il-peritial, mela ma jistax."***[144]

[143] Fol.251-252
[144] Fol.255-256

Mistoqsi mill-qorti sabiex jiddentifika l-parti tal-gisem li tikkorispondi mal-post fejn kien hemm il-*bleeding* jghid **"fuq il-widna"!**[145] Ezatt kif xehed Toni Sant!

F'dan l-isfond tajjeb li ssir riferenza wkoll ghal dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**:[146]

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati.
>
> Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.

Ghalhekk u ghalkemm il-Qorti setghet hi stess tiddetermina li l-griehi mgarrba minn Axiaq kienu jammontaw ghall-griehi ta' natura gravi, ghazlet li tordna r-riproduzzjoni tal-abbli espert forensiku sabiex ma jibqax dubbju fir-rigward:

> ***"Dr. Mario Scerri: ….****meta jkollok suberachnoid bleed jista' jkun jew pathological bhal meta nghidu ahna meta bniedem jaghtih stroke inkella jkun post traumatic ghax ikun qala' daqqa jew, din kienet ma hemmx dubju, din kienet bleed ta, mhux haemorrhage kbar, ftit ta,* ***kien hemm ftit bleed fis-suberachnoid li hija post traumatic.*** *Pathological bleed tkun differenti fuq CT Scan. Per ezempju jkollok xi anuerysm jinfaqalek etc, dik li nifhmu biha bhala stroke.* ***Issa din hija traumatic, traumatic li ghandek traumatic injury bi bleed fil-brain, dak dejjem klassifikat bhala grevious.***
> ***Qorti: Hija gravi mela mhux slight? Bhala grevious***
> ***Dr. Mario Scerri: Il-hematomas huma slight. …..***
> ***Qorti:*** *Pero' allura meta inti in kontro ezami kont qed tiddeskrivi slight injuries, kont qed tghid ghall-hematomas?*
> ***Dr. Mario Scerri****: Jien kont qed nirreferi ghax fuq dak kien id-diskors, fuq it-tbengil etc, dak slight it-tbengil*
> ***Qorti:*** *Slight*
> ***Dr. Mario Scerri****: Imorru u jigu u jmorru minghajr ma jhallu*
> ***Qorti:*** *Hija allura* ***l-bleed li hija kklassifikata grevious***

[145] Fol.250
[146] Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano; Deciza 30 ta' Lulju, 2004; Appell Kriminali Numru. 193/2003

***Dr. Mario Scerri**: **Iva**".*[147]

Ikompli jispjega Dr. Scerri:

> *"in-nefha tmur of a slight nature…. ….* ***pero' in conjunction jekk tara CT Scan u tara li ghandu traumatic bleed li huwa frisk allura dak huwa assocjat, dik jaghmilha of a grevious nature".*** [148]

Espost dan it-taghlim gurisprudenzjali u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali ma jifdal ebda dubbju li n-natura tal-offizi li garrab Axiaq kienu ta' **natura gravi** ai termini tal-Artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali.

**Provi Saljenti:**

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali jemergu s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Mic-certifikat tal-mewt ta' Leli Axiaq jirrizulta li dan miet fl-eta` ta' 78 sena.[149] Gie esebit ukoll ic-certifikat tat-twelid tieghu[150] u b'hekk gie pruvat li fil-5 ta'Awissu, 2018, id-data tal-kaz mertu ta' dawn il-proceduri Emmanuele (maghruf bhala Leli) Axiaq kellu **78 sena**. Miet xahrejn u nofs wara l-akkadut.

2. *A tempo vergine* u fil-presenza tal-pulizija, Axiaq indika bic-cjar li kien soffra daqqiet ta' ponn minghand l-imputat. *"Meta uliedu Jason u Pierre* ***saqsewh jekk kienx xi wiehed Charlton li huwa carer fl-imsemmija ward Emanuel ghamel sinjal ta' iva b'rasu u infaqa jibki.".***[151] Dan ir-rakkont ikkonfermah mal-Ufficjal Prosekutut innifsu: *"Wara din l-istqarrija tas-Sur Spiteri, jiena mort ergajt kellimt lis-Sur Axiaq biex nikkonferma l-ewwel verzjoni tieghu u kien konsistenti mal-ewwel wahda....* ***Baqa' jigifieri jaghmel is-sinjali li bil-ponn, kien emozzjonali hafna, beda' jibki,*** *baqa' jigifieri, jien pruvajt nghidlu isma, zgur inti imma li sawtek mhux laqtek forsi u dan? U baqa' bl-istess risposta speci."*[152].

   **PC 965 Maverick Camilleri** jiddeskrivi dak li sehh meta Axiaq gie mitkellem minnu fil-presenza ta' wliedu: *"Staqsejtu x'jismu u ghidtlu jekk*

---

[147] Fol.251-252
[148] Fol.255
[149] Vide Certifikat tal-Mewt, **Dok.MX** a fol.139
[150] Dok.SP1 a fol.18
[151] Fol.24
[152] Fol.13

*bhal speci iva baxxi rasek u jekk le xejjirha l'hemm u l'hawn. U ghidtlu jismek Emanuel Axiaq qalli iwa, ghidtlu ha nsaqsik fuq x'hiex x'gara dakinhar gewwa San Vincenz, Fatima Ward 3 u fehmni, ghamili sinjal li fehmni. Wara ftit ghidtlu tawk xi daqqiet?* ***Qalli iwa, ghamili sinjal li tawh xi daqqiet.*** *Ghidtlu taf min? Ghamili iwa. Ghidtlu x'kienu lebsin? Ghidtlu kien liebes l-ahdar? Ghamili sinjal li le. Ghidtlu kien liebes il-blu? Ghamili sinjal li le. Wara ftit ghidtlu* ***kien liebes l-abjad? Qalli iwa.*** *Umbaghad kien hemm it-tfal tieghu gibduni mal-genb qaluli isma` ara ha ntuk naqra ismijiet ta' Carers qalli u semmihomlu.* ***U qalli tani isem Charlton....Fost ohrajn. U malli staqsejtu Charlton dan l-anzjan emozzjona ruhu u nfaqqa` jibki. Umbaghad staqsejtu hu u beda jaghmel sinjal iwa u kompla jibki."***[153] **PS1396 Sergio Farrugia** izid: "*U staqsih certu mistoqsijiet PC965 li rrizulta li kien dan il-persuna kien certu Charlton Spiteri..... beda jsaqsih x'kien liebes jekk hux liebes l-ahdar jew abjad jew il-blu. Jekk ikunx Nurse, Carer jew Cleaner u jaghmel movimenti b'rasu….* ***it-tifel tieghu qallu mhux certu Charlton Spiteri u l-anzjan infaqqa` jibki.***"*.[154] Ikompli li l-anzjan **kif sema l-isem Charlton** ***"beda jbaxxi rasu jigifieri iva…[nodding]…ehe". Meta bdew jistaqsuh dwar l-ilbies beda jghid le u ma kienx qed jibki izda kif sema' isem Charlton "Infaqa' jibki"***.[155]

L-istess mossi Axiaq ghamilhom quddiem **Dr. Sarah Debattista** li tistqarr li malli staqsietu biex wegga', beda jaghmel ***"punching, fisting movements".***[156]

Ghalkemm jekk veru sehhx dak li jiddeskrivi bil-gesti Axiaq, jammonta biss ghall-prova *hearsay* u ghalhekk mhux ammissibli bi prova li sehh dak li qed jindika li gara, **hi prova ghal kollox ammssibbli li dan ghamel sinjali ta' daqqiet ta' ponn**. Dan sehh minn tal-inqas **tlett darbiet** - quddiem il-pulizija fid-dipartiment tal-emergenza, quddiem it-tabiba Dr. Debattista u quddiem l-Ispettur Pawney,. Din tikkostitwixxi, fit-tlett istanzi, **prova ammissibbli kif del resto hu l-kaz fir-rigward tar-rejazzjoni tieghu ghall-isem l-imputat** meta infaqqa' jibki!

3. Il-**ponn** izda hu propju dik li Sant jixhed li ***Charles*** uza biex sawwat lil Axiaq! Daqqiet ta' ponn li skond Dr. Mario Scerri huma **kompattibli mal-griehi li soffra**.[157]

---

153 Fol.77-78
154 Fol.81-82
155 Fol.82-83
156 Fol.43
157 Fol.148-149: ***"Daqqa ta' xi strument li ma jaqtax u bla ponta li tinkludi l-id...****daqqa ta' hadida, daqqa ta' xi haga, daqqa t'injama, li hija blunt ma ghandhiex xafra u li ma gahndhiex ponta".*

4. Il-verzjonijiet moghtija mill-imputat lill-awtoritajiet investigattivi ma jikkonvincux lill-Qorti dwar l-veracita` taghhom. Meta wiehed iqis li Spiteri kien professjonist li kien ilu jahdem ma pazjenti f'San Vincenz ghal xejn anqas minn tlett snin, il-Qorti tqis li r-rakkonti tieghu dwar x'seta` gara biex wassal sabiex Axiaq isofri l-griehi, huma inverosimili.

   Fl-istqarrija tieghu Spiteri jghid:

   > *"Waqt li kont sejjer inġib il-bed table laħaq dahar biex jipprova jiżżerżaq, jien dak il-ħin daħħalt idi biex inżommu milli jiżżerżaq u tellajt is-side tas-sodda u dak il-ħin jista jkun li lqattu xi naqra peress li ħasadni. Peress li huwa daqxejn big boy dħalt naqa b'saħħtu[i] biex ilqajtu.*[158]*....... **Jista' jkun lqattu b'idi jew li ħabat mal-ħadida**, jien anke iċċekkjajtlu wiċċu u dak il-ħin ma kien jidher li hemm xejn."*[159]

   Il-Qorti tirrimarka li kemm il-darba Spiteri kien qieghed ittella' l-hadida tas-sodda w ghalhekk kien ezatt hdejn Axiaq, **l-imputat seta' jikkonstata kienx laqqtu jew le.** Kif jista' jkun ma tkunx taf jekk ilqatx pazjent meta kien ezatt mieghu? Kif tista' ma tkunx taf ma x'hiex laqtet idejk? **Mhux ghalhekk iccekjalu wiccu u wiccu biss?** Kieku verament ma kienx jaf jekk Axiaq intlaqatx mill *bed rail* ma kienx jiccekja wiccu biss! Il-Qorti temmen li ccekja wiccu ghaliex kien konxxju li d-daqqiet li tah setghu hallew marka, u x'hin ra li ma thalliet l-ebda marka, telaq l'hemm!

   **Biex izzomm persuna milli tizzerzaq minn fuq sodda ma zzommhiex mill-wicc, ma tuzax forza bizzejjed tant li tikkawza *bleeding* fil-mohh, propju fuq il-widnejn!! L-iktar jekk tkun lqattha, daqqa wahda tkun kkagunajt mhux minn tal-inqas tnejn, bhal ma jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Scerri!**

   Fil-verzjoni li jaghti l-jum ta' qabel meta rraporta l-ghassa aktar tard filghaxija, isemmi dettal li jibqa' nieqes mill-verzjoni li taha meta rrilaxxa stqarrija:

   > *"Huwa żied jgħid li **sema daqqa** imma ħaseb li s-side tas-sodda seta ħabtet mal-komodina u qal li dak il-ħin iċċekkjalu wiċċu u ma ralu xejn. Charlton stqarr illi sabiex ma jaqax il-pazjent huwa daħal naqa bil-goff għax inħasad.".*[160]

[158] **Dok.SP3** a fol.21
[159] Ibid.
[160] Fol.25

Ir-ritratti tas-sodda li fuqha kien rikoverat Axiaq, esebiti mill-Ispettur Pawney, ikomplu jimminaw il-verzjonijiet tal-imputat. Hemm *side rails* li jkopru t-testiera sa ftit iktar minn nofs is-sodda.[161] Hu ferm difficli li pazjent jolqot wiccu sakemm dan ma jintlewiex u jnizzel rasu direttament fuq il-*railing.* Sharples jixhed li biex tahbat il-wicc mar-railing tas-sodda *"trid tibbendja u tahbat wiccek maghha"* ghax dawn jinsabu l-isfel mir-ras*!*[162]

**Hadd ma jsemmi li hekk gara, u cioe` li Axiaq tghawweg u habat wiccu.** Ma jridx jintnesa li Axiaq soffra **minn tal-inqas zewg daqqiet differenti,** u ghalhekk kien jinhtieg li **jerga' jissabbat mal-hadida ghat-tieni darba.**

**Lanqas l-imputat ma jasal jallega xi haga simili** u jigi mfakkar li fi kliemu, **hoss wiehed sema' u dan ma kienx hoss ta' hadida tolqot wicc tant li haseb li l-hadida laqtet il-komodina!!!** Charlton *a tempo vergine*, jghid li *"sema* ***daqqa*** *imma ħaseb li s-side tas-sodda seta ħabtet mal-komodina".*[163]

F'okkazzjoni ohra izda jbiddel din il-verzjoni u jghid ukoll li seta' kien **hu** li laqat lil Axiaq *"b'idu jew bis-side tas-sodda"* ghax dahhal bil-goff.[164]

Il-Qorti tistaqsi:

Allura liema hi l-verzjoni korretta? Induna li seta` laqtu ghax dahal bil-goff hu w jtella l-*bed rail,* jew ghaliex sema' daqqa??

Jekk id-daqqa li sema' kienet wahda simili ghal hoss ta' *rail* jahbat mal-komodina, fil-hin li kien **dahru lejn il-pazjent, kif jista' qatt ikun li laqtu b'idu**?

Possibbli ma jgharrafx hoss ta' wicc jolqot *bed rail,* minn ta' *bed rail* toloqt komodina? Il-hoss ta' hadid jahbat ma oggett certament mhux l-istess hoss bhal ma jaghmel hadid li jolqot wicc bniedem?

Possibli *carer,* u ghalhekk persuna tal-mestjier, ma jkunx jaf jekk ikunx laqat pazjent fdat fil-kura tieghu?? Kif seta' ma gharafx il-hoss li jaghmel *rail* ta' sodda li tant kien abitwat ittella w innizzel fil-kors tax-xoghol kwotidjan tieghu?

---

[161] **Dok.SPZ** a fol.211 et seq
[162] Fol.168
[163] Fol.25
[164] Ibid.

U jekk il-*rail* niezlet l-isfel, tant li haseb li habtet mal-komdina, kif seta' jahbat wiccu maghha Axiaq meta fi kliem Charlton stess **kien ghadu fuq is-sodda?**

5. Il-verzjonijiet li jaghti Charlton lill-awtoritajiet certament ma ghandhomx mis-sewwa. Jisfidaw il-buon sens u wisq anqas ma huma komfortati bi provi, mqarr sal-grad mistenni minnu, dak tal-probbabli:

   Fl-ewwel lok, bhala *carer* li kien ilu impjegat Support Services Ltd. ghal tlett snin mill-2015,[165] certament kien mdorri jtella' w nnizzel *bed rails* u ghalhekk kien tal-mestjier bizzejjed biex jgharaf kif pazjenti jittellghu f'soddod minghajr ma jkorrihom u jekk accidentalment jintlaqtu ser ikun f'posizzjoni jiddetermina dan.

   Fit-tieni lok, anke kieku kellu jitwemmen li seta' laqat lil Axiaq accidentalment, jibqa' l-fatt li kien fl-obbligu tieghu li jinforma lil ta' fuqu b'dan il-fatt; ma kien ser jigri xejn b'daqshekk. Bhala *carer* tieghu kien jaf li Axiaq kien jiehu *anti-coagulants* u bil-vulnerabbilita` ta' Axiaq; **kien sofra puplesija u ried jigi mghejjun**. Ghalhekk jekk emmen tassew li setgha' laqtu – tant li jghid li mill-ewwel iccekajlu wiccu – kellu jassigura ruhu li l-pazjent **ikompli jigi *monitored***, jekk mhux minnu stess mit-tabiba jew minn tal-inqas minn Nurse-in-Charge!

   **Ma ghamel xejn minn dan, ma nforma lil hadd.** Mar lura fil-kamra ma siehbu fejn baqa' sakemm kien biss, u grazzi ghal, l-intervent ta' Sacco li dak subit minn Axiaq sar maghruf madwar siegha wara.

   Fit-tielet lok, il-verzjoni li Charlton jaghti lil Dr. Fiorentino tigi **ghall-kollox kontradetta minn xhieda ohra**. Fil-fatt Charlton stqarr ma Fiorentino li kien hu li kien induna bin-nefha u nforma in-*nurse-in-charge*. Fir-rapport esebit minn Fiorentino jinghad: *"Subsequently while attending to the patient he noticed the bruising and the swelling and himself informed the nurse-in-charge of the occurrence and they called the doctor on duty".*[166]

   Statement bhal dan li jibqa' prova ammissibbli galadarba inghad direttament lil Dr. Fiorentino. Izda din id-dikjarazzjoni tal-imputat hi **ghal kollox inveritjiera peress li Ronayne jghid li saru jafu bin-nefha ta' Axiaq meta gew *alerted* ghal dan minn Jesmond Sacco** li kien qed iqassam it-te`. Dan jikkonfermawh ukoll l-istess Sacco u Noel Sharples u cioe` li **kien Sacco li irraportalu bl-akkadut u mhux l-imputat!!**

[165] Fol.189: Xhieda **Mark Grech**
[166] Fol.205

**Ghaliex kellu ghalfejn jigdeb dwar dan l-imputat??** Dikjarazzjoni simili da parte tieghu, li kien hu li nforma lil *head nurse*, meta kemm siehbu kif ukoll in-nurse-in-charge jghidu mod iehor, turi n-nuqqas ta' kreddibilita` tal-imputat.

L-ahhar osservazzjoni tirrigwarda kemm seta' kien il-kaz li l-griehi subiti minn Axiaq saru ghax habat mal-*bed rail* tas-sodda jew ghax intlaqat minn id Spiteri. Jigi sottolinejat li l-griehi ta' Axiaq huma difuzi **minn tal-inqas fuq zewgt ibnadi, taht l-ghajnejn, mal-genb tal-halq.** Dan minghajr ma jinghad xejn dwar il-fatt li kien hemm anke *bleeding* intern fuq il-**widna x-xellugija**!

6. Jekk kif jikkontendi l-imputat il-griehi sehhew ghax laqat lil Leli b'idu jew bil-hadida, possibbli laqtu darbtejn?? Hu l-istess imputat li jghid li **daqqa wahda sema'**, *"sema daqqa"*,[167] fis-singular**! Fuq dan biss baqa' konsistenti l-imputat. Allura wahedha tqum id-domanda: biex saret t-tieni daqqa ghaliex darba sema' hoss Spiteri??**

7. **Ix-xhieda ta' Raphael Ronayne, l-uniku persuna li kien fuq l-istess *shift* ma Charlton fil-hin bejn is-1pm u s-2pm, timmina serjament il-verzjoni li Charlton taha lill-pulizija** meta jghid li wara li tella' l-*bed rail* mar igib komodina. Charlton Spiteri kien qal hekk:

   > *"jiena dak il-ħin għajjat lill kollega tiegħi Rafel Ronei biex nirranġawh fuq is-sodda imbagħad għidtlu biex jien intellgħalu l-ġenb tas-sodda, allura mort inġib bed table biex, jekk dan ikun qed jaqa' jkollu ma xhiex iżomm, peress li rajtu qed jiżżerżaq. Aħna rranġajnieh fuq is-sodda u jien għidtlu li sejjer inkompli nirranġah jien.".*[168]

   **Izda Ronayne igiddeb lill-imputat fuq dawn iz-zewg dettalji:**

   **(i) dwar il-fatt li xi *bed rail* kienet mnizzla, u**
   **(ii) li l-imputat qallu li kien ser imur igib komodina.**

   Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat jaghzel li jsemmi dawn iz-zewg dettalji f'tentattiv fjakk biex jaghti kredibbilita` lill-ewwel verzjoni moghtija minnu *a tempo vergine;* u cioe` li kien sema` daqqa u haseb li dan laqat il-*bed rail* mal-komodina/*bed table.*

---

[167] Fol.25
[168] Ibid.

Diga intqal li hoss ta' hadid jahbat ma bicca ghamara hu differenti minn hoss li jaghmel hadid li jahbat ma wicc bniedem. Izda l-kontradizzjonijiet li jkomplu jimminaw serjament il-kreddibilita` tal-verzjonijiet li Spiteri taha lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, jasslu propju fuq domandi tad-difiza lix-xhud Ronayne li johorgu dawn il-kontradizzjonijiet:

> *"Difiza: U filfatt tellajtuh fis-sodda, ara nghidlekx sew, ara tiftakarx, jekk tiftakar ghidli qed tiftakar jekk ma tiftakarx ma tiftakarx, illi s-sodod fuq kull genb ghandhom dik il-hadida biex ma thallihomx jinzlu, nghid sew li inti hallejtha imtella' ghax inti naqra itwal minn Charlton u Charlton in-naha tieghu kienet imnizzla ghax forsi naqra iktar qasir minnek?*
> *Xhud: Safejn naf jien ahna kemm irrangajnih,* ***ma kellniex ghalfejn innizluhom***
> *Difiza: Sewwa, ma tiftakarx jekk kinetx imnizzla?*
> *Xhud:* ***Le imnizzla ma kinetx***
> *Difiza: Tiftakar jekk Charlton qallekx ha ngib il-mejda, ha ngib xi mejda biex inqeghda quddiemu jew haga jew ohra?*
> *Xhud: Lanqas naf ta,* ***ma niftakarhiex dik[.] hu qalli halli f'idi ha nirranga l-pazjent u daqhsekk"***[169]

Hi propju x-xhieda ta' **Toni Sant**, persuna vulnerabbli ohra li ilha rikoverata fl-istituzzjoni ghoxrin sena[170] li d-difiza tipprova tiskredita, li taghti kuntest ta' kif sehhew l-affarijiet -

Sant jispjega li hu minnu li Axiaq nizzel il-*bed rail,* izda dan kien wara li kien rega' tqieghed fis-sodda minn Ronayne u l-imputat. Wara li n-*nurses* hadu l-izbriga jirrangawh u jqeghduh lura f'postu, baqa' jinsisti li jinzel mis-sodda avolja Charlton qallu li seta' jinzel biss x'hin ikunu saru s-2pm. Ronayne stess issemmi li Charlton kien gja` wissa lil Axiaq biex ma jinzilx: "*qallu Leli tippruvax tinzel ghax ahna ser nehlu jekk jigrilek xi haga u daqshekk, issa forsi dak il-hin ghajjat ftit jiena forsi nghajtu minnha ahna, imma dak il-hin inkunu qeghdin ghassa taghhom biex zgur ma jwegghux dawn il-pazjenti"*.[171]

Il-Qorti temmen li meta Charlton ra li Leli ghamel ta' rasu w rega' nizzel l-*bed rail*, forsi sforz ta' frustrazzjoni jew ghejja, Charlton irrejagixxa ghal din l-azzjoni ta' Axiaq billi refa' idu fuqu! Dan sehh wara li Axiaq thalla wahdu ma Spiteri minn Raphael Ronayne, **il-persuna l-ohra li kienet fuq ix-*shift* ma Spiteri fil-hin li sehh l-kaz!**

---

169 Fol.55
170 Fol.98
171 Fol.56

8. Ir-rizultanzi kkonstati mill-espert forensiku izda jaghtu stampa ghal kollox differenti li xxejjen l-ispjegazzjonijiet li ngahtaw mill-imputat kemm lil Pulizija kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Isptar San Vincenz. Ghall-kuntrarju hi **l-verzjoni li jaghti Sant li issib korroborazzjoni** fil-konstatazzjonijiet medici maghmula minn Dr. Scerri.

   Fil-fatt Dr. Mario Scerri jghid cjar u tond li l-griehi li kellu Axiaq kienu jindikaw **<u>zewg</u> impatti <u>b'sahhithom</u>,** ***blunt trauma.*** Scerri jghid hekk:

   > *"trid tiehu kollox globalment, meta ghandu ohra fuq il-nasolabial fold tax-xellug,* ***li kieku waqa' impatt wiehed kien ikollok mhux tnejn***[172]***.... ghandu zewg lezjonijiet differenti fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, ghandu lezjoni illi qed taghmillu periorbital haemateoma*** *fuq in-naha tax-xellug illi hija kompatibbli ma' blunt trauma fuq l-ghajn li testendi ghal fuq l-aspett medjali tas-supraorbital ridge u l-lateral aspect tal-left nasal bone, <u>dik daqqa wahda ghaliha</u> nnifisha, imbghad ghandek* ***nefha fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, tbengila fq il-masolabial fold, dik hija daqqa ohra, mhux l-istess daqqa*.... *dawk zewg daqqiet*.... *Li kieku waqa, waqgha impatt wiehed ikollu, tnejn jista' jkun li forsi intlaqat ma x'imkien jew qala xi rizultat ta' blunt trauma....Daqqa ta' xi strument li ma jaqtax u bla ponta li tinkludi l-id......****Il-blunt trauma qieghed jidher cjar li qieghed [mal-left supraorbital ridge] u l-left nasolabial fold.".*[173]

   Sant jaghmilha cjara li Axiaq nehha r-r*ailing* hu, *"il-hadida waqqahha Leli".*[174] <u>Kien hekk kif waqqahha li gie msawwat</u> min-*nurse* bl-isem **"Charles",**[175] **li wara** ***"nehhewh minn hawn",***[176] billi dan sawwat lil Axiaq billi tah ***"erba daqqiet ta' ponn***[177]***....erba zgur."***[178]

9. **Imkien ma jghid Sant li ra lil Leli jahbat mal-hadida izda li nehhiha biex jinzel minn soddtu!**

10. Gja intqal hafna dwar ix-xhieda ta' Sant u fejn din issib korroborazzjoni f'xhieda ohra. Aktar importanti minn hekk turi li kien tassew **xhud** okulari u mhux persuna indottrinata biex tixhed b'dak il-mod mill-familjari ta' Axiaq -

---

172 Fol.148
173 Fol.148-149
174 Fol.118
175 Fol.102
176 Fol.106
177 Fol.100
178 Fol.103

a). Sant issemmi li Axiaq ried bilfors jinzel mis-sodda avolja ma kienux ghadhom saru is-saghtejn (2pm): *"Qalli issa irrid ninzel...Il-hadida waqqaha hu...l-iehor tah erbgha daqqiet...in-nurse.*[179] ........ *le issa irrid ninzel...bhal haddiehor irrid ninzel"*.[180]

Dan ifakkar kliem Ronayne meta jixhed *"beda jirrabja li ried bilfors jinzel, issa dan qatt ma ghamilha din il-bicca xoghol, dakinhar ried jinzel, issa jew ghax forsi ra lil Spiru, jew, ma nafx"*.[181]

L-istess xhud issemmi li kien fil-hin tas-2pm li jergghu jibdew iduru l-pazjenti.

b). Sant issemmi wkoll dak li kkonferma l-istess Ronayne, u cioe` li hu ma baqax hdejn l-imputat, u hallieh ikompli hu ma Axiaq. Jghid hekk Sant *"l-iehor telaq l'hemm ma qaghdx fejnu"*.[182]

**Dettalji li hadd ma seta' jkun jafhom jekk mhux ghax kienu prezenti!!**

Il-verzjoni li Sant jaghti quddiem l-Assistent Gudizzjarju, kien gja` qalha quddiem l-Ispettur Pawney fid-9 t'Awissu, 2018. Dan wara li kienu l-awtoritajiet tal-Isptar li gharrfu lill-pulizija li kien hemm xhud okulari tal-aggressjoni: *"Issa fid-9 tax-xahar jien ircevejt informazzjoni minghand is-Supretendent tal-Isptar tar-residenza San Vincenz De Paule li certu Toni Sant li seta' kien xhieda okulari ta' dak li gara. Jien mort fis-sala 3, Fatima Ward, ...... fejn dan lili qalli lil Charlton Spiteri isawwat lis-Sur Axiaq u* ***anke intervjena vokalment u anke speci qallu hallih, ieqaf****, dejjem skond kif qalli hu."*[183]

Meta xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Sant jerga' jsemmi kif talab lil Charles milli jkompli jsawwat lil Axiaq, ***"jien ghidt lil Charles, hallieh....issawtux"***.[184]. Konsistenza avolja iddekorrew xhur bejn meta kellem lill-Ispettur u meta ittiehdet ix-xhieda tieghu minn Dr. Anna Portelli.

Izda aktar importanti minn hekk, **baqghet ma ngabet l-ebda prova, mqarr fuq bazi ta' probabilita`, li Sant gie indottrinat dwar dak li kellu jixhed!! Kongetturi li jibqghu ma jigux sostnuti bl-icken prova**.

---

179 Fol.99-100
180 Fol.117
181 Fol.54
182 Fol.102
183 Fol.13
184 Fol.102

11. Sacco jispejga li xoghol dakinhar kien hemm l-imputat **Charlton** Spiteri, Noel Sharples, Raphael Ronayne u Mario Sciberras.[185] **Hadd hlief l-imputat ma ghandu ismu javvicina l-isem *"Char"* u *"Charles"* li jissemma kemm il-darba minn Toni Sant.**

12. Irrizulta li **Charlton Spiteri u Raphael Ronayne** **<u>biss</u>** **kienu fuq dak ix-*shift.*** Hadd hliefhom ma kienu hadu hsieb lil Leli. Poggewh fis-sodda u Sacco fl-istess sodda sabu! **Wara li soffra d-daqqiet ma regghax nizel minn soddtu, tant li hemm instab meta gew innutati l-griehi fuq wiccu** minn Sacco.

13. **Ronayne jixhed li kienu biss hu u Spiteri fuq ix-*shift one*.**[186] F'xi <u>1.15pm</u>[187]ghen lill-imputat sabiex Axiaq jittella' lura fuq is-sodda u mar lura fid-*dressing room,* **b' Charlton jibqa' wahdu ma <u>Axiaq.</u>**[188]

    **Dan jindika li sakemm Ronayne kien hdejn Axiaq, dan kien ghadu ma soffra l-ebda griehi. Hallieh wahdu ma Charlton**. Jghid li Sacco gibed l-attenzjoni taghhom ghan-nefha fuq wicc Axiaq xi 2pm,[189] ftit qabel ma bdew jerghu iduru l-pazjenti li kienet isehh fis-2pm.[190] Ghalhekk kien hemm trapass ta' madwar siegha sakemm gie osservat li Axiaq kien wegga'; zmien bizzejjed biex id-daqqiet jibdew jidhru.

14. **Griehi li ma kienux hemm meta Raphael Ronayne hallieh wahdu ma Charlton!**

15. Jirrizulta ghalhekk li **l-imputat kien <u>l-ahhar persuna</u> li kellu kuntatt ma Axiaq,** qabel ma ngiebdet l-attenzjoni ta' Sharples minn Sacco li dan kellu wiccu minfuh. Instab fuq is-sodda kif thalla minn Ronayne.

16. L-atteggjament aggressiv tal-imputat jirrizulta kemm minn dak li tixhed Rita Axiaq izda senjatament minn dak li jixhed Toni Sant propju ghax sofrieh u garrbu hu stess.

    Rita Axiaq issemmi kif Charlton kien qalilha li kien lest jaghti daqqa ta' ponn lil zewgha *"**mhux l-ewwel darba li qallu naghtik daqqa ta' ponn....**<u>anke lilna kien jghid......</u> **Charlton qalli naghtih daqqa ta' ponn** ta*

[185] Fol.183
[186] Fol.52
[187] Fol.54
[188] Fol.53-54
[189] Fol.53
[190] Fol.54

*jew immur customer care".*[191] Anke Jason Axiaq kien sema l-imputat jghid *"ha naghtih daqqa"* izda peress li l-kliem ma ntqalx b'xi rabja, ma ha l-ebda azzjoni dwaru.[192]

Sant imbghad issemmi kif anke hu safa msawwat fuq dahru mill-istess *"**Charles"**:* ***"Lili taghni ukoll f'dari….*** *darbtejn taghni* [193] *….**Ghidtlu…hallini bil-kwiet…..qalli hekk irrid…**ha nkellem lin Noel…darbtejn taghni…u ghitlu ha nkellem lin Noel…Noel ghandhi bzonn inkellmu….mghallem*[194]*……* ***tani daqqa fuq dari."***[195]

**Evidenza cjara li Charlton Spiteri ma kienx jiddejjaq jerfa' jdejh propju fuq minn hu l-aktar vulnerabbli, fuq dawk li huma inkapaci li jiddefendi lilhom nfushom. Fuq pazjenti li taghhom kellu l-kura w li lejh kienu kostretti jirrikorru ghall-harsien kwotidjan ta' sahhithom!**

17. PS1396 Sergio Farrugia jixhed: *"U staqsih certu mistoqsijiet PC965 li rrizulta li kien dan il-persuna kien certu Charlton Spiteri..... beda jsaqsih x'kien liebes jekk hux liebes l-ahdar jew abjad jew il-blu. Jekk ikunx Nurse, Carer jew Cleaner u jaghmel movimenti b'rasu…. it-tifel tieghu qallu mhux certu Charlton Spiteri u l-anzjan infaqqa` jibki.".* Ikompli li l-anzjan kif sema l-isem Charlton *"beda jbaxxi rasu jigifieri iva…[nodding]…ehe".* **Meta bdew jistaqsuh dwar l-ilbies differenti beda jghid le u ma kienx qed jibki, izda kif sema' isem Charlton "Infaqa' jibki".**

18. **Minn dan tirrizulta r-rejazzjoni emozjonanti u ta' qsim il-qalb ta' Axiaq meta ssemma' isem l-imputat.** Rejazzjoni li <u>tiddistingwi ruha</u> minn dik meta' ssemmew ismijiet ta' terzi fejn baqa' kalm u nnega l-involviment taghhom!

## <u>L-Ewwel Imputazzjoni- Offiza Gravi</u>

19. Dr. Sara Debattista sabet li l-griehi subiti minn Axiaq kienu ta' natura gravi. ***"Grievous****....il-fatt li kellu* ***d-demm gor-ras hija xi haga serja,*** *medikament".*[196]

---

[191] Fol.48
[192] Fol.36
[193] Fol.103-104, Fol.107
[194] Fol.103-104
[195] Fol.107
[196] Ibid.

20. Din il-konkluzzjoni giet ikkonfermata mill-espert Dr. Mario Scerri: *"in-nefha tmur of a slight nature…. …. pero' in conjunction jekk tara CT Scan u tara li ghandu* ***traumatic bleed li huwa frisk allura dak huwa assocjat, dik jaghmilha of a grevious nature".*** [197]

21. Dr. Mario Scerri jixhed:

> *"trid tiehu kollox globalment, meta ghandu ohra fuq il-masolabial fold tax-xellug,* ***li kieku waqa' impatt wiehed kien ikollok mhux tnejn.".***[198] Ikompli jispjega *"dan ghandu* ***zewg lezjonijiet differenti fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, ghandu lezjoni*** *…… illi hija kompatibbli ma' blunt trauma fuq l-ghajn li testendi ghal fuq l-aspett medjali tas-supraorbital ridge u l-lateral aspect tal-left nasal bone, dik daqqa wahda ghaliha nnifisha,_**imbghad ghandek nefha fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, tbengila fq il-masolabial fold, dik hija daqqa ohra, mhux l-istess daqqa**….. .**dawk zewg daqqiet…. Li kieku waqa, waqgha impatt wiehed ikollu, tnejn jista' jkun li forsi intlaqat ma x'imkien jew qala xi rizultat ta' blunt trauma….Daqqa ta' xi strument li ma jaqtax u bla ponta li tinkludi l-id….**".*[199]

Imbghad meta mistoqsi jekk dawk il-griehi setghawx gew kawzati ghax il-pazjent habat mar-*railing* tas-sodda jghid*:*

> ***"Ghandek tnejn, huwa difficli biex jaqa', jahbat mal-cradle, ikollu wahda, mhux ikollu tnejn……….Ghalija Sinjura suspettuzi…….Suspettuzi illi gew inflicted jew minn terza persuna".***[200]

F'dan l-isfond, il-Qorti ma taqbilx ma dak li tissottometti l-abli difiza, inkluz fis-sottomissjonijiet ulterjuri li saru wara li gie riprodott Dr. Mario Scerri,[201] u cioe` li l-griehi gew kkawzati accidentalment ghaliex Axiaq habat mal-hadida tas-sodda!

Ghall-kuntrarju, wara li kkunsidrat ir-rizultanzi processwali li saret riferenza ampja ghalihom aktar il-fuq, il-Qorti ssib li Charlton Spiteri ghamel offizi volontarji ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuelee Axiaq. Ix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri u ta' Dr. Debattista ma jhallu ebda dubbju fir-rigward.

---

[197] Fol.255
[198] Fol.148
[199] Fol.148-149
[200] Fol.150
[201] Fol.258 et seq

L-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:[202]

**216.** (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin-

(*a*) jekk tista' ġġib periklu -
(i) tal-ħajja; jew
(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew
(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella
(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;

(*b*) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;……

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Salvinu Vella** ikkunsidrat:[203]

17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jghid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

**B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-**

[202] Dan l-artiklu gie emendat bl-Att XIII tal-2018 li ddahhal fis-sehh bl-Avviz Legali 154 tal-2018 fl-14 ta' Mejju, 2018.
[203] Per Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Deciza 30 ta' Settembru, 2019

**sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem iehor, **offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat**. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-offizi li sofra Axiaq kienu ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Mic-certifikat tal-mewt esebit jirrizulta li Axiaq miet fit-23 t'Ottubru, 2018, fl-eta` ta' 78 sena.[204] Gie esebit ukoll ic-certifikat tat-twelid tieghu.[205] Ghaldaqstant gie ampjament pruvat li fiz-zmien li sofra l-aggressjoni taht idejn l-imputat, il-vittma Axiaq kien persuna anzjana ta' **78 sena**.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni: Hebb; Artiklu 339(1)(d)</u>**

Anke din l-imputazzjoni giet ampjament ippruvata; Spiteri mhux talli hebb ghal Axiaq izda wasal biex ikkorrieh serjament.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni: Artikolu 257A tal-Kodici Kriminali</u>**

Id-difiza, tissottometti li sabiex tista' tinstab htija taht l-artikolu 257A tal-Kodici Kriminali, jinhtieg li jigi pruvat *a course of conduct*. In sostenn ta' din is-sottomissjoni ticcita s-sentenza **il-Pulizija vs Omissis** tal-15 ta' Lulju, 2019. Issostni li dan ir-reat, kif ukoll ohrajn li ghandhom x'jaqsmu ma abbuz fuq anzjani, *"qieghed f'kappa ghal ligi li qieghdin nitkellmu harassment, fear of violence illi kollha jirrikjedu course of conduct"*.[206]

Ikkunsidrat,

Dwar l-ewwel punt, jinghad li s-sentenza msemmija mid-difiza assolutament ma taghmel ebda accenn ghal xi rekwizit li biex jirrizulta dan ir-reat, hemm htiega li jigi pruvat *course of conduct*.

Ghalhekk hi zbaljata l-abbli difiza tal-imputat meta ticcita din is-sentenza bil-ghan li din tista' isservi ta' xi *legal precedent* dwar dak li tissottometti. Is-sentenza citata minnha ma tghid assolutament xejn minn dan!

Fil-fatt l-imputat, f'dawk il-proceduri, ma kienx instab hati taht l-artikolu 257A tal-Kodici Kriminali ghaliex ghalkemm il-vittma kellha bzonn punti f'rasha,

---

204 Vide Certifikat tal-Mewt **Dok.MX** a fol.139
205 Dok.SP1 a fol.18
206 Fol.245

*"ma ttellghet l-ebda prova li tindika x'tip ta' griehi kienet soffriet Omissis f'dik l-okkazzjoni."*. [207] [sottolinejar tal-Qorti]

Dwar it-tieni punt jigi rilevat li r-reati ***"Dwar l-Abbuz Fuq Persun Anzjani u Dipendenti"*** jinsabu fis-Sub-Titolu I tat-Titlu IX intestat ***'Fuq id-Delitti kontra l-Proprjetà u kontra s-Sigurtà Pubblika'*** mentri ir-reati li jittrattaw il-*harassment, stalking etc.,* jinsabu fis-Sub-titolu IX intestat ***'Fuq Theddid, Vjolenza Privata u Fastidju',*** Tat-Titlu VIII li jittratta ***'Fuq id-Delitti kontra l-Persuna'.***

Ghalhekk anke f'dan ir-rigward d-difiza hi zbaljata.

Ikkunsidrat,

L-artikolu 257A tal-Kodici Kriminali kien immuddellat fuq l-artikolu 368 tal-*Californian Penal Code.*

---

[207] Iz-zewg artikoli fl-ahhar forma taghhom jaghmlu riferenza ghall-kuncett ta' kura li wiehed jista' jkollu ta' persuna anzjana jew adult dipendenti: *"Persuna ……..waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara"*. Pero' filwaqt li l-artikolu 257A jitkellem fuq cirkostanzi jew kundizzjonijiet li minnhom infushom jistghu x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt, l-artikolu 257C jitkellem fuq cirkostanzi u kundizzjonijiet li x'aktarx ma jikkawzawx offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt. Infatti dawn huwa wkoll rifless fil-piena li hija stabbilita ghal dawn ir-reati. L-artikolu 257A jattira piena aktar severa mill-artikolu 257C.
Rigward l-artikolu 257A, il-Qorti tqis li l-azzjonijiet ta' sofferenza fizika u mentali li hargu mill-atti u n-nuqqas ta' kura adegwata – ghalkemm assolutament deplerevoli – ma kinux tali li setghu b'xi mod ikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew il-mewt taghha. Ghalkemm saret referenza li f'incident minnhom Omissis kellha bzonn xi punti wara li qasmet rasha in segwitu ghall-imbuttatura da parti tal-imputat, ma ttellghet l-ebda prova li tindika x'tip ta' griehi kienet soffriet Omissis f'dik l-okkazzjoni. Il-Qorti ghalhekk temmen li fic-cirkostanzi ma tistax issib htija taht l-artikolu 257A.

Mhux l-istess pero' jinghad ghall-artikolu 257C tal-Kap. 9. Kif gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti m'ghandix dubju li l-incidenti li ghalihom ghamlu riferenza x-xhieda Omissisu Omissisverament sehhew u twettqu mill-imputat. Tali azzjonijiet kienu intizi sabiex Omissis issofri kemm fizikament u anke mentalment u dawn l-azzjonijiet assolutament ma kinux gustifikabbli.

L-imputat fil-kaz odjern kien marbut bid-*duty of care* li jaghmel riferenza ghalih dan l-artikolu; dan *id-duty of care* kien intimament marbut mal-fatt li huwa kien gie impjegat bhala support worker ma' dawn in-nies vulnerabbli u mhux ghax assumieh hu volontarjament ghax spicca f'xi cirkostanza partkolari. Ir-rwol tieghu fic-Centru ta' Hal Far kien necessarjament jimplika li huwa jezercita dan id-*duty of care* fil-konfront tal-persuni li jigu assenjati lilu. Kif hareg mill-atti u gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, huwa car li dan id-*duty of care* l-imputat ma onorahx u l-atteggjament tieghu kien fl-ahhar mill-ahhar intiz biex jarreka hsara lil Omissis. Omissis fl-ahhar mill-ahhar kienet dipendenti fuq l-imputat bhala wiehed mill-carers taghha. L-imputat mhux talli ma onorax dan l-obbligu tieghu izda talli bl-azzjonijiet u l-atteggjament tieghu gieghel lil Omissis tbati bla bzonn. Dan l-atteggjament – ghalkemm serju u kundanabbli – ma kienx tali li seta' ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew inkella ikkaguna l-mewt taghha. Ghalhekk din il-Qorti sejra issib htija fl-artikolu 257C u mhux taht l-artikolu 257A.

Recognizing the increasing reported instances of abuse of elderly people, the State of California has passed various statues making such abuse subject to unique criminal and civil liability. Essentially, the laws forbid the lack of care as well as the physical or mental abuse of elderly dependent persons. Violation of such provisions can subject the perpetrator to civil and, more drastically, criminal liability. The definitions are contained in the Welfare and Institutions Code and the criminal penalties in the Penal Code.

It is important to note that many of the statutes apply to ANY dependent adult regardless of age. It is also important to note that failure to provide goods or services by a care custodian, itself, may be considered elder abuse…..

**Penal Code 368.**

(a) The Legislature finds and declares that crimes against elders and dependent adults are deserving of special consideration and protection, not unlike the special protections provided for minor children, because elders and dependent adults may be confused, on various medications, mentally or physically impaired, or incompetent, and therefore less able to protect themselves, to understand or report criminal conduct, or to testify in court proceedings on their own behalf.

(b) (1) Any person who, under circumstances or conditions likely to produce great bodily harm or death, willfully causes or permits any elder or dependent adult, with knowledge that he or she is an elder or a dependent adult, to suffer, or inflicts thereon unjustifiable physical pain or mental suffering, or having the care or custody of any elder or dependent adult, willfully causes or permits the person or health of the elder or dependent adult to be injured, or willfully causes or permits the elder or dependent adult to be placed in a situation in which his or her person or health is endangered, ………..

**PRACTICAL ASPECTS OF THE LAW:**

The entire thrust of the law is to provide for significant penalties for those who exploit or abuse the elderly and it is to be noted that those entrusted with their care…"care givers"…are held to a higher standard of care and suffer greater penalties if they violate it. Whether it is embezzling their money or failing to provide a clean and safe environment, those who neglect or willfully abuse the elderly face stiff penalties.

The problem, of course, is that the elderly are often cut off from access to help and are often dependent on the very people exploiting or abusing them. Equally often, the elderly person recognizes that he or she is being neglected or abused but has no one to turn to for help. A care giver once generous in attention becomes increasingly ill tempered or abusive due to issues that may have nothing to do with the elderly person and the victim finds that he or she has slowly but surely become in danger.

An equally dangerous problem is that good care providers are falsely accused or their care is misconstrued. …..But the danger is real and the sad fact is that as more and more people achieve longer and longer lives we are bound to discover increasing amounts of elder abuse and all of us…especially sons or daughters whose work schedules require them to assign care of elderly parents to another…should be on the lookout for this danger……[208] [sottolinejar tal-Qorti]

[208] https://www.stimmel-law.com/en/articles/elder-abuse-california-basic-law

Fin-Noti taghhom ***Elder Abuse Under Penal Code 368 Defined,*** Aizman Law Firm jelenkaw l-elementi ghar-reat ta' Elder Abuse, li fis-sistema ta' California, jista' jammonta ghal *misdemeanour* jew *felony*:

> Because senior citizens are particularly vulnerable to harmful or offensive acts by others, and may be helpless or unaware of how to report criminal conduct, Penal Code 368 was promulgated to offer special protection and severe penalties for those who commit such crimes against the elderly……
>
> What Constitutes Elder Abuse?
>
> - Physical abuse including **any kind of physical injuries** or sexual abuse, neglect or abandonment
> - Emotional abuse such as bullying, making threats of physical harm or comments that are belittling, degrading, racist or otherwise offensive
> - Financial abuse or theft or fraud in stealing or gaining access to assets
>
> Elements of Elder Abuse
>
> …..You intentionally or willfully, or with criminal negligence, personally subjected the elder or dependant adult to unjustifiable physical pain or mental suffering or permitted another person to do so
>
> - You had a legal duty to care for the elder
> - You exhibited conduct that was likely to produce great bodily harm or death
> - You knew, or reasonably should have known, that the victim was 65 years of age or older
>
> ……..
>
> What is Unjustifiable Physical Pain or Mental Suffering?
>
> This refers to pain or mental anguish or suffering that is unnecessarily inflicted or which is extreme.
>
> What is Likely to Cause Great Bodily Harm?
>
> This element is satisfied if the elder is placed in a condition or circumstance that is likely to cause or does cause great bodily harm. It is not necessary for the elder to have suffered physical pain for the defendant to be found guilty of felony elder abuse. If you willfully withhold food and water or necessary medication, you have committed an act that likely would have led to great bodily harm……
>
> Related Offenses To PC 368
>
> Battery—Penal Code 242 pc

Battery is offensive touching as well as any unlawful infliction of force or use of violence on another person. **Caretakers who slap or punch an elder, choke them or push them down can be charged with both elder abuse and battery**. If the injury is minor, then the charge is a misdemeanor and you face a county jail sentence of no more than 6 months and/or a fine up to $2000.

If serious injury does occur, such as a broken bone or scarring, then the offense is a wobbler. If a misdemeanor, you could be sentenced for up to one year in county jail and a fine up to $2000. As a felony, you could face a potential sentence of up to 4 years in state prison.....[209] [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Certament ma hemmx dubbju li tenut kont tal-gravita` tar-reat sancit bl-artikolu 257A tal-Kodici Kriminali, il-legizlatur Malti ghamel reat ghemil konsistenti f'atti singoli.

Hu ghalhekk li din il-Qorti ma tikkondividix l-argument tal-imputat li il-kelma *"imgieba"* fis-subartikolu (3) tindika l-htiega ta' pluralita` ta' atti, u cioe` li sehh f'iktar minn okazzjoni wahda. Fil-fatt is-subartikolu (3) jaghmel riferenza ghas-subartikolu (1) li jipprospetta diversi tipi ta' ghemil li qed jigi sancit.

Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghal diversi istanzi fejn il-kelma *"imgieba"* tintuza fil-Kodici Kriminali biex tissenjala ghemil li jsir f'okkazzjoni wahda; l-artikoli 15,[210] 82A,[211],118,[212] 443(3)[213] u 548(1)[214] tal-Kodici Kriminali fost ohrajn.

Fl-ahhar nett, issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali liema sentenza ma thalli ebda ekwivoku fir-rigward, **Il-Pulizija vs Simon Borg.**

Din is-sentenza tittratta l-artikolu 257C tal-Kodici Kriminali, liema artikolu ghandu l-istess dicitura bhal dik li tinsab fl-artikolu 257A. Id-differenza bejn dawn iz-zewg artikoli hi li filwaqt li l-artikolu 257A jittratta ċirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, l-artikolu 257C jittratta ċirkostanzi ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt.

---

[209] https://aizmanlaw.com/9-things-you-should-know-about-criminal-elder-abuse/

[210] **15.** (1) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba ssir fil-qorti bil-miftuħ mill-imħallef jew maġistrat li jkun sema' l-kawża.

(2) Min jilqa' ċ-ċanfira jew it-twiddiba b'imġieba ċara ta' disprezz jew ta' nuqqas ta' qima, jiġi ikkundannat għall-piena tad-detenzjoni jew ammenda.

[211] **82A.** (1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew....

[212] **118.** (1) Kull membru tal-Kamra tad-Deputati li jitlob, jirċievi jew jaċċetta, għalih jew għal xi persuna oħra, xi rigal, jew wegħda jew offerta ta' xi rigal, fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, mogħti jew magħmula bil-għan li jiġi influwenzat fl-imġieba tiegħu bħala membru tal-Kamra, jeħel.....

[213] (3) Jekk l-akkużat jittanta jagħmel vjolenza, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex dan ma jsirx. [imgieba hazina tal-akkuzat]

[214] Iżda wkoll, l-"*in genere*" għandu jiġi eżaminat biss minn persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa:

Dik il-Qorti kkunsidrat:[215]

> 15. Dil-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ukoll korretta li ssib lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Ir-reat taħt l-artikolu 257C tal-Kodiċi Kriminali huwa kważi identiku għall-artikolu 368PC tal-Kodiċi Penali tal-Istat tal-Kalifornja, fl-Istati Uniti tal-Amerika u huwa intiż li jagħti protezzjoni speċjali kontra l-abbuż fuq persuni anżjani.[216] **Dan l-artikolu jikkontempla kemm azzjoni iżolata ta' darba magħmula fuq anzjan,[217]** kif ukoll sensiela t'azzjonijiet magħmulin fuq persuna anzjana.[218]11 F'dan il-każ fil-mument l-azzjoni penalment rilevanti tal-appellant kienet diretta lejn u mwetqa fuq persuna ta' 81 sena,12 u b'hekk Attard kien qabeż il-limitu ta' sebgħin sena stabbilit bl-artikolu 257C(2) tal-Kodiċi Kriminali bi ħdax il-sena. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tapprezza aħjar kemm l-appellant kien messu jkun jaf li Attard kien anzjan skont il-Liġi, anke mis-sempliċi dehra tiegħu. L-azzjoni ta' imbottatura fuq persuna anzjana, kif diġa ingħad, magħquda maċ-ċirkostanzi li seħħew qabel, waqt u warajha juri li l-appellant ried jikkawża xi forma ta' ħsara fuq il-persuna tal-vitma anzjana kif imsemmi aktar il-fuq.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti kellha wkoll l-okkazzjoni tistudja l-*Parliamentary Debates* dwar l-**Att XXXI tal-2014** li permezz tieghu gie introdott is-Sub-Titolu in kwistjoni.

Minn hawn tirrizulta bic-cjar l-intenzjoni tal-legizlatur Malti li jfassal kwadru legislattiv wiesa' li jservi ta' tarka kontra l-abbuz ta' dawk l-aktar dghajfa fis-

---

[215] Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja; Deciza 10.10.2019; 10 t'Ottubru, 2019; Appell numru 96 tal-2019

[216] Dan l-artikolu jaqra hekk:

Any person who knows or reasonably should know that a person is an elder or dependent adult and who, under circumstances or conditions likely to produce great bodily harm or death, wilfully causes or permits any elder or dependent adult to suffer, or inflicts thereon unjustifiable physical pain or mental suffering, or having the care or custody of any elder or dependent adult, willfully causes or permits the person or health of the elder or dependent adult to be injured, or willfully causes or permits the elder or dependent adult to be placed in a situation in which his or her person or health is endangered, is punishable by imprisonment in a county jail not exceeding one year, or by a fine not to exceed six thousand dollars ($6,000) upon a first conviction or a fine not to exceed ten thousand dollars ($10,000) upon a second or subsequent conviction, or by both that fine and imprisonment, or by imprisonment in the state prison for two, three, or four years.

Mentri dak Malti jaqra hekk : -

A person who knows or ought to know that a person is an elder or a dependent adult and who, under circumstances or conditions other than those likely to produce grievous bodily harm or death, wilfully causes or permits any elder or dependent adult to suffer, or inflicts thereon unjustifiable physical pain or mental suffering, or having the care or custody of any elder or dependent adult, wilfully causes or permits the person or health of the elder or dependent adult to be injured or wilfully causes or permits the elder or dependent adult to be placed in a situation in which his or her person or health may be endangered, shall be guilty of an offence and, without prejudice to any other punishment to which he may be liable under any other provision of this Code or of any other law, shall be liable to the punishment of imprisonment for a term from one to three years.

[217] Bħal fil-każ ta' azzjoni ta' vjolenza li sseħħ ta' darba waħda biss.

[218] Ara wkoll *Prosecuting Elder Abuse: Setting the Gold Standard in the Golden State,* Arthur Meirson, pubblikat fuq *Hastings Law Journal,* Volume 60, Issue 2, Article 9.

socjeta`; kemm jekk id-delitt ikun wiehed kontra l-propjeta` kif ukoll jekk ir-reat hu kontra l-persuna.

**Minn imkien ma jissemma' li tinhtieg xi forma ta'** ***course of conduct***, anzi, it-tir manifest tal-legizlatur kien unikament wiehed: dak li b'ligi li tipprospetta pieni horox biex isservi ta' deterrent, jipprotegi anzjani u persuni dipendenti minn kull forma ta' abbuz.

Ghalhekk kien ikun <u>insensat</u> li l-legizlatur, b'din il-legislazzjoni, kien qed jesigi biex fil-konfront ta' persuni vulnerabbli (li mal-ewwel istanza ta' abbuz ikunu gja soffrew hsara irreparabbli) dik il-hsara u s-sofferenza li abbuz simili jgib mieghu, ikollhom jissoggettaw rwiehom ghal aktar tbghatija u sofferenzi qabel ma tkun tista' tittiehed azzjoni dwar dak l-abbuz!

Ghall-kuntrarju. Is-segwenti siltiet ma jhallu l-ebda dubbju dwar ir-*ratio legis* ta' dan is-Sub-Titolu.

> **ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Kif għedt, il-bżonn ta' din il-liġi ilu jinħass. Min jaf kemm-il darba, kull wieħed u waħda minna f'dan il-Parlament, ftaħna l-gazzetti jew anke s-settijiet tat-*television* jew anke l-*internet* u rajna każijiet ta' anzjani u persuni vulnerabbli li spiċċaw vittmi ta' vjolenza, abbużi u reati kriminali. .....
>
> Fl-operat tagħna, kull wieħed u waħda minna f'din il-Kamra jaf sew li l-anzjani tagħna huma f'pożizzjoni vulnerabbli u allura huma esposti għal ħafna riskji u abbużi li jkunu eżerċitati fil-konfront tagħhom. Saħansitra għandna wkoll każijiet ta' persuni anzjani li jiġu abbużati minn membri tal-familja tagħhom stess u anke minn persuni li jkunu inkarigati mill-kura tagħhom. Permezz ta' dan is-Segretarjat, jien mhux biss irrid inqajjem kuxjenza dwar dan l-abbuż, imma **irrid ukoll nikkumbatti l-abbuż ta' kull tip fil-konfront tal-anzjani tagħna**. Irrid nisħaq ukoll li aħna għandna obbligu, mhux biss morali imma legali, li nieħdu ħsieb lill-anzjani tagħna. ......
>
> Ħafna drabi, peress li l-vittmi jkunu anzjani, <u>minħabba l-vulnerabilità tagħhom ikunu f'pożizzjoni li la jistgħu jirrapportaw u lanqas jistgħu jiddefendu lilhom infushom</u>.
>
> **Dan l-abbuż jinvolvi tbatija kbira**. Ħafna drabi nirreferu għal vjolenza domestika, imma l-vjolenza hija iktar minn tip wieħed. **Għandek il-vjolenza fiżika li faċilment tista' tikkonstataha għax ikollok provi fiżiċi esternament fuq il-ġisem li tista' tarahom**, imma mbagħad għandek tip ta' abbużi oħrajn li ma jkollok l-ebda sinjal estern, bħal abbużi psikoloġiċi, emozzjonali u finanzjarji li ma jidhrux.......
>
> Għalhekk ħloqna mhux biss reati ġodda imma wkoll **introduċejna konċetti ġodda proċedurali biex ikollna qafas legali aktar effikaċi u effiċjenti. L-ewwel li għamilna kien li rajna kull tip ta' abbuż li jista' jikkaġuna tbatija fuq persuna anzjana. Fil-fatt qegħdin inwessgħu l-abbuż fid-definizzjoni tiegħu u għalhekk l-abbuż jista' jiġi interpretat b'mod aktar wiesa'**.
>
> **Jekk wieħed jara artiklu 257(a) (b) u (ċ) jista' jara kif qegħdin inwessgħu kemm jista' jkun il-mod ta' kif persuna anzjana jew adulta dipendenti tista' tiġi preġudikata, imweġġgħa jew affettwata avversament. Hawn qegħdin nitkellmu fuq diversi istanzi, fosthom fejn il-**

**persuna li tkun qed twettaq ir-reat iġġiegħel persuna anzjana ssofri, tikkawżalha uġigħ fiżiku jew tbatija mentali li ma tkunx ġustifikabbli.** Dan l-Abbozz huwa pjuttost elaborat imma l-essenza tiegħu hija li qed iwessa' bl-iktar mod estiż l-interpretazzjoni ta' abbuż biex kemm jista' jkun naħsbu għaċ-ċirkostanzi u istanzi kollha possibbli.

Hawnhekk huwa interessanti li se naqsmu l-piż. Qed ngħidu li f'każ li l-persuna li jkollha l-kura u l-kustodja tal-anzjan tippermetti li s-saħħa tal-anzjan issirilha ħsara jew titqiegħed f'ċirkostanzi vulnerabbli, <u>qegħdin inbiddlu ftit l-oneru</u>. Fil-fatt, biex inżidu fuq l-artiklu 257(a) (b) u (ċ) [recte: 257A-257C] qegħdin nikkontemplaw ir-reati ta' natura volontarja u involontarja kif ukoll li ninkludu l-konsegwenzi diretti u indiretti. Qegħdin nikkontemplaw ir-reati tal-kommissjoni u tal-ommisjoni u allura qegħdin inkopru wkoll in-negliġenza. Qed ngħidu wkoll li **persuna li tiġi akkużata b'dan ir-reat tkun taf jew imissha tkun taf li qed tittratta ma' persuna anzjana jew adult dipendenti**. Hawnhekk qed nidħlu fl-ambitu tad-diliġenza rikjesta mil-liġi minn persuna li tkun involuta f'każ partikolari, jiġifieri **qegħdin inżidu l-livell ta' diliġenza meħtieġa mill-persuna li tkun qed tieħu ħsieb l-anzjani għax qed nidħlu fl-ambitu tal-*bonus pater familias***. Meta qed ngħidu li persuna taf jew imissha tkun taf li persuna hija anzjana jew dipendenti qed nidħlu wkoll b'mod sottili ħafna <u>fil-kamp tal-oneru ta' provi.</u>

Ma rridx inkun teknika żżejjed imma min se jaħdem fuq din il-liġi se jifhem x'qed nipprova ngħid. Hawnhekk qed ngħidu li hija l-persuna akkużata li trid tipprova li kienet diliġenti biżżejjed u trid tkun hi li tressaq il-prova li aġixxiet b'mod li raġonevolment huwa mistenni minnha. Dan ma jfissirx li qed niksru r-regoli tal-oneru tal-prova, jiġifieri xorta se tibqa' l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha, imma qed nitfgħu iktar piż fuq il-persuna li tiġi akkużata li trid tipprova hi li kienet diliġenti. Irrid ngħid li għandna istanzi fil-kamp kriminali fejn hemm eċċezzjonijiet fl-oneru tal-prova, imma hawnhekk ipprovajna nkunu bbilanċjati kemm jista' jkun. .....

Dħalna wkoll fuq it-territorjalità u fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qrati tagħna. Hawnhekk qed ngħidu li jekk kawża ta' abbuż soffert minn anzjan jew anzjana li ġie mwettaq Malta tiġi kkaġunata l-mewt ta' din il-persuna anzjana, anke jekk il-mewt isseħħ barra minn Malta inkonsegwenza ta' abbuż li seħħ f'Malta, il-Qrati tagħna xorta jkollhom kull ġurisdizzjoni li jipproċessaw il-każ. Dan <u>għamilnieh biex inkomplu nwessgħu l-possibbiltà li nilħqu l-iktar numru ta' każijiet possibbli</u>. Imbagħad, jekk nagħtu ħarsa lejn il-pieni għal dawn ir-reati, dawn huma pieni pjuttost sostanzjali. Jien dejjem emmint li jekk ikollok pieni ħorox, dawn se jservu ta' deterrent għal min ikun qed jikkontempla li jwettaq reat, u peress li hawnhekk qegħdin nikkontemplaw reati fil-konfront ta' persuni anzjani jew persuni vulnerabbli, kien jirrikjedi li l-pieni jkunu sostanzjali.

Qegħdin indaħħlu wkoll xi ħaġa oħra, fejn apparti ż-żieda fil-pieni, qed nagħmlu distinzjoni bejn l-etàjiet tal-vittmi, jiġifieri għandek *a two-tiered mechanism* ta' pieni fejn għandek il-piena li tiżdied skont l-età tal-vittma. Se jkun hemm pieni għal meta l-vittmi jkunu ta' età inqas minn 70 sena, imbagħad jekk il-vittma jkollha iktar minn 70 sena l-piena se tkun qed tiżdied b'aggravju jew tnejn, u għandek istanzi fejn saħansitra l-piena tista' tiżdied bi tliet gradi.Hawnhekk irrid ngħid ukoll li d-definizzjoni ta' persuna anzjana hija għal kull persuna li għalqet is-60 sena. ......

Sur President, it-triq 'il quddiem tinkludi ħafna miżuri ġodda. Kif għedt qabel, dan l-Abbozz ta' Liġi li huwa l-aktar wieħed importanti huwa biss l-ewwel pass għax warajh ġejjin emendi oħrajn...... Hija okkażjoni fejn lill-poplu se nagħtuh sinjal ċar u qawwi li ż-żewġ naħat ta' din il-Kamra qegħdin jingħaqdu biex **nikkundannaw kull forma ta' abbuż** fil-konfront tal-anzjani u li, fejn hemm bżonn, *we can rise to the occasion* biex ngħaddu messaġġi pożittivi u b'saħħithom lill-poplu tagħna. ......

**ONOR. MARIO GALEA:** Sur President, jgħidu li l-liġi mhux qiegħda hemm biex tmiss il-qalb imma l-liġi qiegħda hemm għal min hu bla qalb. Kif qalet il-kollega tiegħi l-Onor. Justyne Caruana, permezz ta' din il-liġi se nkunu qed inħarsu lill-anzjani tagħna mill-abbuż. Fil-fatt hemm definizzjoni uffiċjali ta' x'ifisser abbuż fuq l-anzjani li tintuża mill-Action on Elderly Abuse fl-Ingilterra u li ġiet addottata mill-International Network for the Prevention of Elderly Abuse. Mhux se naqra din id-definizzjoni kollha imma fiha hemm tliet kelmiet li jagħmlu d-differenza kollha. Ikun hemm abbuż:

*"...where there is an expectation of trust which causes harm or distress".*

Ħafna abbuż fuq l-anzjani jsir min-nies li suppost għandhom relazzjoni mal-anzjani bħala *carer* formali jew informali u fejn hemm din ir-relazzjoni ta' fiduċja...... Illum dan il-Parlament, anke permezz tal-fatt li qed naqblu bħala Gvern u Oppożizzjoni, qed jagħmel *statement of intent* ċar li se jkun magħqud kontra l-abbuż fuq l-anzjani li, sfortunatament, huwa realtà. Hawnhekk qegħdin nintroduċu liġijiet li se jkunu ebsin ħafna fuq kull abbuż fuq anzjani jew persuni dipendenti. Kull sena, mijiet ta' eluf ta' anzjani jiġu abbużati jew użati. Il-vittmi huma anzjani li minħabba n-nuqqas ta' saħħa u xi kultant nuqqas ta' mobilità jkunu aktar vulnerabbli għax ma jistgħux jgħinu u jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Ħafna drabi l-anzjani jiddependu fuq ħaddieħor biex jagħmlu dak li fin-*nursing* ngħidulhom *the activities of daily living.* U proprju għax għandhom bżonn l-għajnuna biex jagħmlu dawn l-attivitajiet li n-nies li kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom jagħmlu ta' kuljum, allura huma iktar vulnerabbli għall-abbuż. Ħafna drabi dawn l-anzjani jiġu abbużati minn qraba, ħbieb u nies oħrajn li jafdawhom.

F'każ ta' istituzzjoni, l-abbuż jista' jkun ġej minn membri tal-i*staff*, minn qraba ta' anzjani oħrajn jew jista' jkun ġej anke minn anzjani fl-istess istituzzjoni magħhom. L-abbuż jista' jiġri fid-dar tal-anzjan, f'istituzzjonijiet fejn hemm l-anzjani jew anke fi sptar akut. Fatt ieħor fejn jidħol l-abbuż fuq l-anzjani huwa li dan jista' jiġri lil kulħadd. Ir-riċerka turi li m'hemmx distinzjoni ta' razza, reliġjon, livell ta' edukazzjoni jew klassi soċjali. Kulħadd huwa soġġett li jkun vittma ta' dan l-abbuż...... **L-abbuż jista' jieħu diversi forom**: fiżiku, swat - l-istatistika tgħid li l-aktar swat komuni huma **daqqiet ta' ħarta** jew daqqiet b'oġġett iebes - abbuż sesswali, ta' negliġenza u oħrajn. Meta qed ngħidu negliġenza nfissru persuna li qed tieħu ħsieb anzjan u tagħtih kastig fejn ma tagħtihx l-ikel u xorb adattat u lanqas mediċini..... Tajjeb li nsemmu x'inhuma dawn is-sintomi li jistgħu jkunu **tbenġil**, *pressure marks*, ksur, anke ksur antik..... Argumenti spissi u *tense relationship* bejn il-*carer* formali jew informali u l-anzjani jistgħu jkunu wkoll sintomi ta' abbuż..... Jekk *nurse* trid tidħol għax-xogħol u hemmhekk trid toqgħod tisma' lill-anzjana tistaqsiha x'ħin hu kull ħames minuti għax għandha bidu ta' *dementia,* ovvjament jekk in-*nurse* għandha *burnout* din se tibda tara kollox żejjed u proprju hemmhekk jidħol ir-riskju tal-abbuż......

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, quddiemna għandna liġi intenzjonata biex tipproteġi lill-anzjani tagħna. ....qegħdin nitkellmu fuq **liġi li se tagħmel reat kull aġir li b'xi mod joħloq abbuż u tbatija inutilment fuq anzjani jew persuni vulnerabbli li jiddependu fuq xi ħadd li jieħu ħsiebhom**. Kif qed ngħid, aktar ma tikber aktar issir vulnerabbli, aktar ma ssir vulnerabbli aktar issir dipendenti, u aktar ma ssir dipendenti hemm iċ-ċans li aktar tispiċċa vittma ta' xi forma ta' abbuż..... Anzjan jista' jispiċċa vittma ta' abbuż b'modi u b'konsegwenzi differenti. Hemm il-fenomenu tal-abbuż fiżiku, fejn litteralment ikollok anzjani li jkunu qegħdin ġewwa darhom, anzjani li qegħdin jgħixu mal-familjari tagħhom u anzjani li jgħixu ġo istituzzjonijiet, li qed jiġu abbużati fiżikament.

**Perċentwal għoli tal-każijiet irrappurtati ta' abbuż fuq l-anzjani ikun wieħed fiżiku, fis-sens li tintuża forza fil-konfront ta' anzjani. ...... Għandek perċentwal sostanzjali tal-każijiet fejn**

**l-anzjan ikun ġie abbużat fiżikament, litteralment bid-daqqiet ta' ponn, bis-swat, bit-tbenġil,** bil-kawża ta' feriti, bi ksur ta' għadam u saħansitra każijiet fejn jirriżultaw fatali...... Jien nittama li meta ninterpretaw il-liġi li għandna quddiemna nwessgħu wkoll id-definizzjoni ta' abbuż fuq anzjani u ninkludu dan it-tip ta' aġir min-nies, li ħafna drabi mingħajr skrupli ta' xejn japprofittaw ruħhom mill-anzjani tagħna għall-benefiċċju personali tagħhom....

**ONOR. DEBORAH SCHEMBRI:** ........Sur President, din il-liġi tħares lejn ċerti miżuri biex jipproteġu lill-persuna anzjana. **Din il-liġi se tħares kemm meta jkun hemm offiżi gravi magħmulin fuq anzjani, kif ukoll meta jkun hemm offiżi li mhumiex gravi u li ma jaqgħux taħt is-sezzjoni ta' offiża gravi. Jekk inti persuna li kont taf jew missek kont taf li qed tittratta ma' persuna anzjana, hemm kondizzjonijiet li jistgħu jiġu meqjusa bħala offiża gravi, u min se jkun qed jikkomettihom issa ser jitqies li għamel reat li huwa punibbli b'ċerti gradi għoljin ta' piena.** Din hija liġi importanti u li kien hemm bżonnha...... Il-WHO tgħidlek li:

"*Elderly abuse is a* ***single*** *or repeated act or lack of appropriate action occuring within any relationship where there is an expectation of trust, which causes harm or distress to an older person"*.

Din il-liġi li għandna quddiemna tieħu proprju dan l-ispunt biex meta inti jkollok persuna li suppost qiegħda tipproteġi, tagħti l-kura u għandha l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, issa hemm sett ta' liġijiet *ad hoc* biex dawn il-persuni vulnerabbli jkunu aktar protetti.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, l-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' liġi li għandna quddiemna llum jgħidu ċar li **qegħdin indaħħlu wkoll Kodiċi Kriminali ta' pieni aktar ħorox għal min jabbuża jew juża vjolenza fuq anzjani u persuni vulnerabbli**....

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Ministru għall-Familja u Solidarjetà soċjali):** ..... qed nitkellmu fuq forom differenti ta' abbuż.

Nibda biex nitkellem **fuq l-abbuż fiżiku li ma jinvolvix biss is-swat** fuq il-persuna imma jista' jinkludi wkoll l-amministrazzjoni ta' mediċina żejda jew anqas, attenzjoni inqas li tista' twassal għall-ħsara fil-ġisem jew inkella l-kawża ta' disordni f'moħħ il-vittma fost affarijiet oħrajn. .... L-abbuż jista' jseħħ ukoll fi djar istituzzjonali fejn il-persuna anzjana tkun qiegħda taħt il-kura ta' persuni li jaħdmu f'dak il-post u jabbużaw mill-vulnerabilità tagħha. Ħafna drabi l-vittmi jkunu jiddependu direttament fuq in-nies li suppost jieħdu ħsiebhom imma minflok jabbużawhom.....

**ONOR. STEPHEN SPITERI:**.......Dan l-abbuż fiżiku jista' jseħħ ukoll f'istituzzjonijiet tal-anzjani tagħna, fid-djar, residenzi u saħansitra fl-isptarijiet tagħna. Ma niskantawx ukoll li jistgħu jkunu l-*care givers* li forsi xi drabi, anke b'intenzjoni mhux ħażina, ikunu qegħdin jabbużaw minn dawn l-anzjani tagħna. Hawnhekk nixtieq nenfasizza dan il-punt li xi drabi l-anzjani tagħna jkunu qed jiġu abbużati u **maħqura anke mill-istess *care givers*** li jistgħu jkunu l-*care workers* li jieħdu ħsieb it-tindif tal-kamra tagħhom u li qed jagħtuhom l-ikel u l-mediċini. L-abbuż jista' jkun ġej minn nies professjonisti li minħabba l-*workload* qawwi li jasal fuqhom waqt il-ħinijiet tax-xogħol - nistqarr li dan huwa xogħol ta' dedikazzjoni li jirrikjedi ċerta stamina fiżika u anke psikoloġika - xi drabi jinqabdu f'siwazzjoni fejn anke mingħajr ma jridu jkunu qed joħolqu ċertu abbuż fuq dawn l-anzjani tagħna. ..... Għalhekk, **permezz ta' dawn l-emendi li aħna se nkunu qegħdin inressqu f'dan il-Parlament, wieħed irid jinkoraġġixxi sitwazzjoni biex kull forma ta' abbuż fiżiku, finanzjarju, materjali, abbuż ta' ommissjoni jew ta' negliġenza, jiġifieri li aħna ma nagħtux il-kura adattata, jinqata'**.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil kull min ipparteċipa f'dan id-dibattitu. Nista' ngħid li wrejna li dan il-Parlament, minkejja li f'ħafna okkażjonijiet il-perċezzjoni hemm barra hija li nkunu diviżivi, għal din l-okkażjoni *we really stood up to the occasion* biex inwasslu messaġġ qawwi li l-abbuż fuq l-anzjani m'għandux jiġi ttollerat u li ż-żewġ naħat tal-Kamra ser inkunu qed jikkumbattu bis-sħiħ dan l-abbuż.[219]
[emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Imbghad fil-kors tad-diskussjoni fi hdan il-Kumitat Permanenti Ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi, intqal:[220]

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Fi klawsola 3 qed indaħħlu Sub-titolu ġdid li jittratta dwar l-abbuż fuq persuni anzjani jew persuni dipendenti. Se nispjega l-artikoli ġodda, minn 257A sa 257F, li qed jiġu introdotti b'dan is-Sub-titolu.

F'subartikolu **257A(1)** qed nipprovaw inwessgħu l-mod ta' kif nistgħu nipproteġu persuna anzjana jew inkella adult indipendenti **minn kull abbuż li jista' jsofri**. Hawnhekk il-konċett huwa li <u>kemm jista' jkun inkopru diversi ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu fil-kura tal-anzjani u tal-persuni dipendenti</u> u qed **nitfgħu ċertu piż ukoll fuq min għandu l-kura tal-anzjani**. Kif wieħed jista' jara hawnhekk il-pieni huma pjuttost sostanzjali u l-iskop ewlieni ta' dan l-Abbozz huwa li nżidu l-pieni tal-abbuż li jseħħ fuq il-persuna anzjana.

F'subartikolu 257A(2) imbagħad qed indaħħlu konċett pjuttost differenti fejn qed ngħidu li għall-fini ta' dan l-artikolu persuna li qed twettaq l-abbuż **imissha tkun taf** li dik il-persuna hija anzjana jew hija adult dipendenti u allura qed inpoġġu **piż fuq dik il-persuna li tkun hi li tipprova li kienet diliġenti biżżejjed fl-eżerċizzju tagħha.....**

Irrid ngħid **li r-*range* ta' 257A huma reati li jistgħu jwasslu anke sa ċirkostanzi ta' mewt**, jiġifieri għandek **offiża, offiża gravi** u saħansitra li twassal sal-mewt....

Fil-kaz in dezamina mhux talli Charlton Spiteri ma weriex diligenza, izda addiritura <u>malizjozament</u> ghamel offiza gravi fuq Emmanuele Axiaq. B'hekk l-imputat gieghel lil Axiaq, anzjan ta' 78 sena u adult dipendenti jsofri u gab fuqu uġigħ fiżiku mhux ġustifikabbli. Fl-istess waqt, meta l-imputat Spiteri kellu l-kura u l-kustodja ta' Axiaq, xjentement ghieghel l-persuna ta' Axiaq ssirilha hsara w ipperikola hajjet Axiaq meta xjentement poggieh f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tieghu tkun fil-periklu.

---

[219] Seduta Nru.173 ; It-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2014
[220] Laqgha Nru.34; It-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2014

Dan kien anzjan pupletku li jiehu medikazzjoni ntiza biex traqqaq id-demm u ghalhekk fejn griehi jafu jkun fatali. Spiteri kien ben konxxju tal-istat fiziku ta' Axiaq, tad-diffikultajiet tieghu, tal-problemi medici tieghu. Madanakollu ma ddejjaq xejn jissoggettah ghall-iktar periklu.

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali u fuq t-taghlim gurisprudenzjali ennuncjat, il-Qorti issib li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova it-tielet imputazzjoni sal-grad mistenni minnha.

Il-Piena

Fl-ewwel lok gie kkunsidrat li fir-rigward tat-tlett imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati.

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qiset n-natura gravissima tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, reati li bhala vittma taghhom kellhom anzjan ta' 78 sena li kien marid u rikoverat f'dar tal-anzjani.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [221]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[222]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena

[221] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008
[222] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[223]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; .....

Imbghad kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[224]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Giet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali netta tal-imputat.

Madanakollu din ma tbiddel xejn mill-fatt li l-ghemil tal-imputat hu wiehed xokkanti, att inuman u krudili li jikkalpesta' d-dinjita` tal-bniedem. Ftit huma l-kliem li jistghu jasslu biex jispjegaw l-ghajb u stmerijja, li vjolenza simili nflitta fuq anzjan ta' 78 sena minn min gie fdat bil-kura tieghu, tqanqal.

Aggressjoni li tisfrutta l-vulnerabbilita` ta' min jirritalja ma setghax, jiddefendi ruhu ma felahx, jitkellem ma jasalx u jsejjah ghall-ghajnuna ma jistax!

Minflok ma Leli Axiaq sab idejn u driegh tal-imputat biex isserrah maghhom, biex jikkurawh, sab biss il-ponn iebes tieghu ma wiccu! Ponn li t-tbengil li halla fuq Axiaq zgur li ma baqax limitat ghal dawk vizibbli fuq wiccu tul ix-xahrejn u nofs ta'wara li baqa' haj, kif jixhed il-biki tieghu kull meta ssemma' isem l-imputat *"Charlton"*.

[223] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.
[224] Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b), 222A(1), 257A(1)(2)(3)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati fuq l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal **hames snin** prigunerija.

Finalment u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€269.90** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**